Light & Sound

# BUKKETT FJURI GHAL

# MATILDE



## KUMMIEDJA FI TLETT ATTI

KITBA ORIGINALI

TA'

JOHN SCHEMBRI

TEATRU SALESJAN
25 – 26 ta' Marzu 2006

# BUKKETT FJURI GHAL MATILDE

Kummiedja fi Tlett Atti

Kitba Originali
ta'
**John Schembri**

**Persunaggi:**

| | |
|---|---|
| **Nutar Krispin** | |
| **Matilde** | Oht In-Nutar |
| **Sur Spir** | |
| **Salvu** | Sensar, Habib tan-Nutar |
| **Toni** | Habib tan-Nutar |
| **Pullu** | Habib tan-Nutar |
| **Censina** | L-ewwel Serva |
| **Connie** | It-tieni Serva |
| **Stella** | Mara ta' Toni |

# Bukkett Fjuri
# Ghall-Matilde

## l-Ewwel Att

# Matilde

## L-Ewwel Att

Xena turi ufficcju ta' Nutar pubbliku, skirvanija b'hafna karti fuqha u ma' l-art, vetrina bil-kotba go fiha u xi siggijiet .

(In xena Censina s-serva tfarfar u tgerger)

Censina: Ilni nahdem mas-sur Krispin ma l-ghoxrin sena issa u dejjem hekk nafu traskurat! Alla jahfirla l-mara tieghu s-sinjura Karm hekk kienet tghidli, 'Hu pacenzja Censina ruhi, ghax Krispin tieghi ghandu hafna xoghol u xhin jghajja jitlaq kollox kif gie gie, u jitla jorqod.' Alla itieha l-glorja tal-genna.
(Tidhol Matilde oht in- nutar minghajr ma' tinduna Censina)
(Censina tkompli)
Mhux bhal ohtu dik qisha serduk dejjem tgerger u tmaqdar, li ma kienx ghas-sur krispin kieku ilni li tlaqt, izda jien nithassru lin-nutar ghax qalbu tajba.

Matilde: (Tersaq lejn Censina tghajjat)
Iva qisni serduq?
(Censina tinhasad)
Dejjem ingerger hux, ghax ma tghidx li ma tnaddafx sew x'tippretendi li hadd ma jkellmek! Da zgur li tithassru lil-hija ghax joqghod ghal kollox, dak kollox jaghaddi ghalih, sitta w sitta tnax!

Cens Isma sinjorina toghqod taghjjat xejn tafx, ghax is-sinjura Karm Alla jahfrila qatt ma gholiet lehena mieghi, Alla jtiha l-glorja tal-genna ahseb u ara kemm se tghollih int, xi hsibt li ha tghamilni xi tapit taht saqajk, jekk qed tahseb hekk se jarralek.

Matilde Issa ghawn gew jien nikkmanda, ghawn li nghid jien isir, jekk xbajt tista titlaq issa stess, ara ma tahsibx li ma' nsibux serva ohra tafx kemm ghawn min irid jigi jahdem maghna.

Cens Mela tista tibda tfittex wahda min issa ghax jien daqshekk ghamilt hawn, jien mieghek izjed ma nahdimx.

Nutar (Jidhol in-nutar jidher li-ghadu jqum)
X'gara da l-ghodu dan l-ghajat kollu? Qajjimtu lil kullhadd ghandi rasi qed inhossa qiesa katuba tal-banda,imma kif dejjem targumentaw intom it-tnejn, qieskhom kelb u qattus, nista nkun naf x'gara?

| | |
|---|---|
| Matilde | Da zgur li thossa qiesa katuba rasek! L-ewwel tmur toqghod tixrob u ticcaccra dawk l-erba t'ihbieb li ghandek imbghad toqghod teqred b'rasek, taf li-diga saru d-diesgha w ghadek ma' raddejtx salib,...taf li-nofs siegha ohra ghandek appuntament. |
| Nutar | Iva bil-haqq!! Kif kont insejt, Censina mur ghamilli kikkra kafe'jekk joghgbok forsi nigi naqra f'tieghi. |
| Matilde | Ma tghamillek xejn dik spiccat min maghna.... keccejta. |
| Nutar | (Sorpriz) Keccejta? Dan kif? Mela int hekk taghmilhom l-affarijiet, dan kif tkecci lil Censina bla tghid lili? |
| Censina | Toqodx tinkwieta sur-nutar, jien ghalik jiddispjacini; ghax int se tbati. |
| Matilde | Biex tridu jbati? Mela hsibt li int biss tezizti fid-dinja. |
| Nutar | Sewwa qaltlek Censina oht, jien se nbati, min se jibda isajjar? Min se jibda jaghmilli naqra kafe'? B'hal ma tghamlu Censina? Min? Min? |
| Matilde | (Tahtfu) Jien? Jien daqsha naf maghmlu l-kafe'u daqsa naf insajjar. |
| Nutar | X'taf issajjar, int lanqas bajda ma taf taqli ghax tahraqa u l-ahhar kikkra te li ghamiltli kienet qisha ilma tal-platti. |
| Matilde | Imsomma ma jimpurtanix!! (Iddur fuq Censina) Cens tista taqbad hwejgek u titlaq issa stess. |
| Nutar | Stenna! Stenna nista ghalmenu nkun naf x'gara? Aajma...ajma jahasra x'ugieh ghandi f'rasi! |
| Matilde | Mela halli nghidlek x'gara la trid tkun taf, sur hija. Din il-galantoma li-inti qed tiddefendi, ghajritni serduq! B'liema jedd tghidli hekk go dari? Imissha tisthi! |
| Nutar | (Jitbissem) Veru li-lil ohti ghajjarta serduq? |
| Censina nutar? | (Tkellmu bil-mod) Ma' nahsibx li kont qed nigdeb? Hux veru sur |
| Nutar | Bizzejjed Cens li ma tmurx tisimghek u niggravaw l-affarijiet. |
| Matilde | X'inthom tghidu Krispin? Ghalxejn toqghodu tifthemu ghax lil dik, ma' irridiex hawn! |
| Nutar | Issa mbilli nkeccuha? Mhux xorta wahda rridu nimpjegaw ohra? |

| | |
|---|---|
| Matilde | Ma jimpurtanix....ma jimpurtanix....ghedtlek!! (Tibda tghajjat) Jew jien jew hi!! Ghazel sur manifk!! |
| Censina | Toghqod taghzel xejn sur nutar, jiena sejra, grazzi ta kollox u jekk ikollok bzonn ta xi haga taf fejn noqghod. Sahha sur nutar. |
| Nutar | Sahha Censina, sahha (Censina tohrog iddispjacuta) Issa bhalek int dan l'inkwiet x'ridtu? |
| Matilde | X'inkwiet hu? Inkwiet b'daqshekk Krispin? |
| Nutar | Int mill ewwel ma' hadtx grazzja maghha, dik issa m'ghadix zghira, u ma' tantx se ssib fejn tahdem kif gib u lahaq. |
| Matilde | Sewwa! Mela allura nitqannew biha ahna, issa nsibu ohra toqghodx tinkwieta, dan l-ahhar kienet qeda titraskura kont ilni ninnotha lanqas tnaddaf sew ma kienet qieghda. |
| Nutar | U hallina minnek x'tittraskura hu, kienet mara li tafdha f'kollox. |
| Matilde | Insomma Krispin, ghalxejn se toqghod tnewwah, ghax jien sejra naghmel avviz fil-gurnali biex nimpjegaw serva gdida. (Tohrog) |
| Nutar | (Iddispjacut) Ciss keccita hej! Pero' din mhux se nhallilha ghaddejja lixxa, ghax Censina ghawn terga tigi, jien lilha irrid. |
| Salvu | (Jidhol Salvu n-nutar ma jaghtix kasu) Bongu sur nutar jien bqajt diehel, il-bieb kien imbexxaq u nghidlek is-sew ghajjat xi darbtejn u hadd ma wiegeb. |
| Nutar | (Jitkkellem wahdu) U nejdilha jien kif taqbad u tkeccija!! Hawn gew jien nikkmanda, issa dejqitni. |
| Salvu | Keccita sur manifk? Kont ilek tghidli li dejqita, mhux sewwa miskina. |
| Nutar dik. | Mela x'inhu, batita l-barra miskina, issa lili ghidli fejn se taqbad tmur |
| Salvu | Il-veru fidilha kienet, biex qabdet u telqet il-barra bil-kwiet. |
| Nutar | Fidilha? Li ma' kinietx fidilha kienet titlaq il-barra qieha naghga, li kienet ohra kienet tiekolha talli ghamlitila hekk. |
| Salvu | Allura ma bdietx timboh ghalija x'hin tefetha l-barra? |
| Nutar | Timboh? Salv taf x'inti tghid dal ghodu?mela l-dik hsibta xi kelb. |
| Salvu | (Ihokk rasu) Zomm....zomm naqra sur nutar sa fejn naf jien Flosi kelba u mhux kelb, u nghid jien kelb u kelba mhux it-tnejn jimbhu? |

Nutar X'inti thawwad dal ghodu Salv? Int kien jonqos tkompli tgerfixxli mohhi, int lilek min semmilek lii Flosi l-kelba?

Salvu Mhux int ghedtli manifk li keccita miskina, jien hsibtek qed tghidli ghal kelba, ghax int iiek tghidli li s-sijorina ohtok trid tkeccilek lil Flosi.

Nutar Xi Flosi Flosi! Salv ta mohhok dik lil Censina keccit,ghax qalet li m'ghadiex tnaddaf sew, u qalet ukoll li ghajrita serduq.

Salvu (Jidhaq) Nahseb li ma qaliltx hazin Censina skuzani tafx sur nutar mhux biex nindahallek izda kieku ma kontx nhalliha tkecci lil Censina, hawn mhux int tikkmanda?

Nutar (Jitbaqbaq) Sewwa qieghed tghid Salv, ma kienx mument li accettajt li tigi toghqod hawn mieghi kemm ilha hawn hi hlief inkwiet ma' nqalax.

Salvu Isma sur-nutar, biex inghidlek ohtok lanqas lili ma tahmel, kif tarani qiesa rat ta' barra min hawn, (ikompli xewwex) mhux ghax f'wiccek m'ghandix x'taqsam mieghek ohtok, taf li ilek gimgha ma tersaq lejn il-hanut Pullu biex tiehu grokk maghna,lanqas is-sinjura tieghek Alla jahfrila qatt ma ndahlitlek.

Nutar Imma l-lejla nigi, lanqas jekk naf x'naf, mela dik se tikkmandani!

Salvu Tigi sur-nutar? Hekk mela iqfila thallihiex taghmel li trid bik.

Nutar Isma Salv int propja x'gejt taghmel taghmel hawn?

Salvu Mela insejt manifk li kenna niltaqaw mas-sur-Spir, ghal xi d-disgha u nofs biex nitkelmu fuq dik id-dar il-kbira li hemm wara l-knisja, forsi ndawru lira tas-senserija?

Nutar Ara kif kont insejt. dik il-minghawl ta' ohti fixklitni dal-ghodu, ara halli mmur inbiddel ghax daqt tara lil-Spiru hawnhekk. oqghod stennieni hawn u jekk tigi ohti qis li ma taghmiix paroli zejjed maghha.

Salvu Halli f'idi sur-nutar, jien naf x'ghandi nejdilha lis-sinjorina Matilde.

Nutar Hallejtek,dalwaqt terga tarani ghawn,jekk jigi s-sur Spir ghidlu jistenni ftit, ara xi f'temnha Salv, paroli mil-inqas! (johrog)

Salvu Tihux hsieb sur-nutar, halli f'idi! Lili trid is-sinjorina Matilde, ha nejdilha kif taqbad u tkecci lil-Censina ghal xejn b'xejn, sabithu ghal sniena lin-nutar, ara veru ragel sewwa biex hallija tkeccija, (tidhol Matilde minghajr ma Salvu jinduna) kieku jien aktar kont inzomma hawn, biex indejjaqha u forsi titlaq hi, ja bicca ta' Ballotra li hi, kieku qeda hawn bhal issa, naqbadha mit toppu l-ghanda w aqta kemm indawwara.

(1) Press prog chase sequence key.

(2) Press chase key 1, 2, or 3

(3) Press key required Eg No 1

(4) 1st program light for each step Eg 1 = Red 2 = Blue 3 = yellow

(5) To see what colour in each key press forward key and to recall any key press reverse than turn off prog chase

<u>chase control</u>

(A) to modify speed + direction turn on Engage controls

(B) • Now you can adjust the speed by ~~adj~~ Adj Speed lever

Chase Auto

• Adj the slope slider to change between steping and fading

• I can adj forward or reverse on Bass, this will change every time a bass is heard

H.L. UP

H.L. DOWN

SPOT C.L.

SPOT C.R

Cyc White

P1

---

P2

~~7.~~
~~8.~~
~~9.~~

1. FRONT OF STAGE
2. SPOT C.S.
3. —
4. V-FAINT F.O.S.
5. DIM LEFT
6. " RIGHT. (SPOT).
7. F.O.H. White.
8. F.R.
9. F.L.
10. Blue F.O.H.
11. Green F.O.H.
12. —
13. F.O.H. White
14. —
15. F.O.H. Red.
16. Cyc Red
17. " Blue
18. " White

8, 10, 12, 14, 15, 17

8, 9, 10, 11, 12, 13, 14

On Sc1. 7/12/05.

~~Cue 1 H L. and ~~ON~~ PAINTING ON.~~

~~Cue 2 Lights on Painting~~

~~Cue 3 Stage lights on~~

~~Cue 4 TORCHES SONG.~~

dim lighting

HENRY

IRRIDU NIXGHELU L-KULURI TA' WARA LI NTFEW IMHABBA L-PLAY. NUZAW IS-SELLUM

Carlo.

S 1.    7/12/05

Cue 1  H.L. + PAINTING ON

Cue 2  H.L. OFF

Cue 3  Stage lights ON

Cue 4  Colours only ON (dim lighting)



| | |
|---|---|
| Matilde | (Tersaq lejh) Lil-min taqbad mit-toppu bhalek? |
| Salvu | (Jinhasad) Ara min ghawn is-sinjorina Matilde bongu. |
| Matilde | Bongu xejn li ma nghidlekx min ghawn, min hu ballotra? Ghandek xi wahda qiesha ballottra bhal issa Salv? |
| Salvu | Ghax ha nghidlek mela sinjorina la trid tkun taf, il-bierah iltqajt ma wahda kont nohrog maghha ilu, u reget holmot biha, u jien jahasra ma ghandix grazzja maghha, u kieku taf kemm hi fitta, toghqod tiffittani biex nerga nibda nohrog maghha, imma jien ma ridtx. |
| Matilde | Kieku naf li kont qed tghid ghalija,dal bastun fuq rasek naqsmu. |
| Salvu | Ma tarax sinjorina, mela int qisek ballottra? (min taht l-ilsien) Le tridtx tmur !! |
| Matilde | X'ghidt? Ghedtli xi'haga? Ghajjat halli nisimek, ara issa ghaqtaha ghax dejjaqtni, tista tghidli x'inti taghmel hawn gew wahdek f'dan l-ufficcju? |
| Salvu | Qieghed nistenna lin-nutar ghax mar ibiddel,ghax ghandu jigi is-Spir sur biex ikellmu. |
| Matilde | Dan kif jaghmel u ihalli nies barranin hawn gew wehidhom. |
| Salvu | Isma sinjorina jien u l-manifk haga wahda, hobz u sikkina ilna nafu lil xulxin fuq tletin sena, u mhux il-bierah. |
| Matilde | Eh.....iwa? Hobz u sikkina hux, kont se nghidlek x'intom, kieku jien ma nafda lil hadd. |
| Salvu | Isma sinjorina lili xi' hsibtni, jien fdat man-nutar tafx. |
| Matilde | Ma hsibtek xejn u hsibtek kollox.....jien ma nafda lil hadd. |
| Salvu | Lili ghadek ma tafnix bizzejjed inti. |
| Matilde ahjar. | La nafek u lanqas irrid inkun nafek u inqas ma tersaq l'ghawn izjed |
| Salvu | Isma jien qieghed hawn fuq zjara ufficcjali u mhux b'kapricc. |
| Matile | (Tidhaq) Cis!! Ara x'qallek il-Profs hej, fuq zjara ufficcjali qieghed hawn, u min hu dan l-iffurtunatt li ghandu l-unur li jiltaqa mieghek? |
| Salvu | Jaqaw int gejja bid-daghjsa llum, ara hallini bi' kwieti tafx ghax jien b'xoghol qieghed hawn, u daqt jasal is-sur Spiru dak hin hin. |

Matilde — X'ghedtli issa, nidhollok fin...fin ara ma neghdlekx jien ma ghandix x'naghmbik lilek, ja pastaz u kiesah.

Salvu — (Wahdu) Batterija baxxa llum, mela mintix tisma sinjorina? Lilek min qallek fin fin jien ghedtlek hin hin is-sur-Spir.

Matilde — X'naghmel!! Naqbez fil bir? Ghax ma tghidx lil zitek taqbez fil- bir?

Salvu — Issa se tellahomli sinjorina, nahseb li ghandek il-hsara fil-batterija, ghax kollox bil maqlub qeda tisma.

Matilde — (Tmis widneja u tirranga il-batterija) Ara se nghidek, din il-kunfidenza aqtagha mieghi!! Ghax issa nghid lin-nutar x'ghedtli.

Salvu — Imma jahasra, jien ma ghidtlek xejn hazin, inti bdejt tifhem hazin ghax kellek xi haga hazina fil batterija tas-smieh hux veru?

Matilde — (Ma tammettix li ma' tismax) Ara ma' nghidlekx x'ghandi, jien widnejja ghadhom tajbin.

Salvu — (Min taht l-ilsien) Jien nahseb xejn ma' baqalek tajjeb int, hlief ilsienek.

Matilde — Ghajjat halli nwiegbek, mhux toghqod titkellem min taht l-ilsien biex ma nisimakx, mbaghad tghid li ghandi il-hsara fil-batterija.

Nutar — (Jidhol in-nutar) Matilde ara tghamlix kikkra kafe'jekk jogbok, ghax ghadni lanqas hadt xejn dal-ghodu.

Matilde — Daz-zgur, mhux hekk, issa jien ikolli nseftirlek,pero' mhux ha ndum tafx ghax jien ga hsiebt x'ghandi naghmel.

Nutar — Mhux int keccejta lil Censina? Kieku hi kienet tmur biex tghammilli kikkra kafe'! Tridx nergghu indahhluha maghna?

Matilde — Ma ndahhluha xejn u ghamilli pjacir lil-dik tergax issemmili arani sejra naghmillek il-kafe', u wara nibqa sejra naghmel avviz fuq il-gurnali halli nimpjegaw serva ohra. (tohrog)

Nutar — Pu ghalik ja marqa l-int, kemm int stinata (ihares lejn Salvu) ghanda rasa tal gebel, kollox kif tghid hi, alla hares tmerija ghax holl xahrek u gib iz-zejt, hekk nafha min dejjem, meta konna ghadna zghar u konna noqodu nilabu hi kienet tghidli ejja nilaghbu tal- mama u l-papa, hi kienet tkun trid toghqod il-papa biex tikkmanda.

Salvu — Mela ha nghidlek sur nutar la qieghed tghid hekk, is- sinjorina hi naqra supperva tafx, lili ma tahmilnix pingut, dik tahseb li jien noqghod ingennek biex tigi tixrob maghna, rajta kemm il darba tittawwal ghal gol hanut ta' Pullu, meta tkun ghaddejja minn hemm, dik biex tara jekk int hux qieghed hemm.

Nutar U le Salv fejn sejjer b'rasek? X' ma' tahmlekx hu mela ohti tobod lil xi hadd? U dik ma' tafx li jien inkun maghkhom ghand Pullu ghax jien qatt ma ammettejt maghha li jien kultant nigi maghkhom.

Salvu Ghoqod imla rasek sur nutar, dik lilek taghmillek l-ghassa u int lanqas biss taf.

Nutar Issa bizzejjed Salv, taqlax izjed qlajjiet fuq ohti.

Salvu Kollox sew sur nutar la trid hekk, issa int tholl torbot jekk tghidli biex ma nersaqx l-hawn izjed, jien ma nigix ghalija mhux problema.

Nutar Mela hadt ghalik Salv b'daqshekk ma tigix hawn? Int l-ewwel nett, tigi hawn b'xoghol u mhux b'kapricc mhux hekk Salv? Lil ohti halliha tghid, min wahda tidhol u min l-ohra tohrog. Halli f'idi Salv ma-nisa haddem mohhok ghax inkella int tbati, issa tara kif Censina terga tigi hawn mieghi.

Salvu Int veru ragel sew sur nutar ghax kieku jien ma nhallix lil ohti tikkmandani.

Nutar U jien biex ma naqlax inkwiet, jahasra Salv.

Matilde (Tidhol bil kafe') Hawn ha ghandek il kafe'Krispin, (thares lejn Salvu) mela int ghadek hawn? Ghadek ma xbajtx ittelfu hin lin-nutar?

Salvu Dak x'ridtu sinjorina, ghalfejn qadt iggibli l-kafe'?

Matilde X'inti tghid? Ghajjat halli nisimek halli nwigbek!

Nutar Ghax ha nghidlek Matilde, Salvu bilfors irid joqghod hawn illum, ghax issa ghandu jigi s-sur Spiru Borg biex nitkellmu fuq bicca xoghol, isma inti taf li Salvu sensar hux?

Matilde Jien la naf x'inhu, u lanqas irrid inkun naf, inqas ma narah l-hawn gew izjed ahjar.

Salvu Hares sinjorina Matilde, jien mhux sensar biss, imma anke huttab.

Matilde Xi trid tghid bija din? (Tinstema l-qampiena tal- bieb) lili xi hsibtni?

Nutar (Biex idawwar id-diskors) Tghidli qalbi gie s-sur Spir.

Salvu Halli mmur nghidlu biex jidhol.

Matilde Oqghod hemm fejn int, hawn fejn hsibt li qieghed? Ghand ommok? Issa mmur nara jien min gie. (Tohrog)

Salvu Qed tara sur-nutar kif sewwa ghedtlek li lili ma tahmilnix, le… le… hawn izjed ma nigix.

Nutar Hu pacenzja Salv ghar ruh missierek jahasra, int jonqos ma tersaqx l-ghawn, nigi qieghed sew jien.

(Jidhol is-sur Spir ragel pulit u kalm hafna mieghu tidhol Matilde)

Spiru Bongiorno sinjuri ikolli nghid li hallejtkhom tistennew?

Nutar U le ma ilniex hawn hafna.

Spiru Ma' kontx naf li biddiltha is-serva sur manifk; mela Censina m'ghadix tahdem mieghek?

Matilde Kont se nghidlek x'jien, iva hekk nidher qiesni serva, ghal l-informazzjoni tieghek jien oht in-nutar, u mhux bicca tieghek x'sar minha Censina.

Salvu (Jidhaq kemm jiflah)

Spiru (Mifxul) Skuzani sinjura, nerga nghidlek skuzani ma kontx naf li n-nutar ghandu ohtu, jien qatt ma rajtek hawn, veru li ilni naqra ma nigi.

Matilde L-ewwel nett ghandek tkun taf li jien sinjorina u mhux sinjura.

Salvu U lesta ghaz zwieg ukoll.

Matilde (Thares lejn Salvu) U int ghoqod hemm, (iddur fuq is-sur Spir) u jekk jogbghok qabel taghmel insinwazzjonijiet bhal dawn, ikun cert min dak li se tghid.

Spiru Nerga niskuza ruhi sinjorina, hux sinjorina ghedtli? Ma' kelli ebda intenzjoni li noffendik, issa ghandek il pjacir tghidli x'jismek ghalmenu?

Matilde La trid tkun taf, jien jisimni Matilde.

Spiru Prosit x'isem grazzjuz dan, ghandi pjacir li sirt nafek sinjorina Matilde, jekk tippermettili jiena jisimni Spiridjone Borg, nispera li din ma tkuunx l-unika darba li ltqajna.

Salvu Isimha forsi grazzuz imma, imma lsiena mhux… Halli issir tafa naqra ohra s-sur Spir.

Nutar Tridux naraw x'ghadna naghmlu sinjuri ghax il-hin qed jaghmel gmielu?

Matilde Jiena hierga Krispin, dalwaqt terga tarani hawn.

Salvu Halli l-min jarak mil-inqas.

| | |
|---|---|
| Matilde | X'ghedtli int, kellimtni? |
| Salvu | Xejn... Xejn sinjorina kont qed nitkellem wahdi. |
| Matilde | Sahha. (Tohrog) |
| Nutar | Sahha Matilde. |
| Spiru | Sahha Matilde nerga narak! |
| Nutar | Prosit ghalik Spir kif kont se tellaha l- mustarda lil ohti int kien jonqos tghidila li hi s-serva. |
| Spiru | Veru tafx, ghaggilt wisq ghax jien qatt ma misni ghedtila hekk, mara ma' nafiex, x'wahda ghac-cajt waqajt. |
| Salvu | B'daqshekk waqajt ghac-cajt? Is-sinjorina tiehu pjacir min ifahhara, hux veru sur-nutar? |
| Spiru | Ma nahsibx li hadet gost bija dal-ghodu, ikolli nghid li hi naqra nervuza sur-nutar is-sinjorina Matilde? |
| Salvu | (Wahdu) Mela mhux bhalek ghax qiesek gbara. |
| Nutar | Veru sewwa qieghed tghid, ohti min dejjem hekk kienet, izda mbaghad issib li mhi xejn, nar tat-tiben. |
| Spiru | Issa l-lejla taf x'naghmel, nerga naghddi u nerga niskuza ruhi maghha hekk jew b'hekk m'ghandix x'naghmel, int jimporta ghalik sur-nutar? |
| Nutar | Eh... Ghax ha nghidlek sur-Spir li kieku minnek jien ninsa kollox qiesu qatt ma gara xejn. |
| Salvu | Int hallieh ha jigi sur-nutar, b'daqshekk imbilli jerga jigi hawn forsi ma tafx kif, is-sur Spir qed juri certu nteress fis-sinjorina qieghed tinnota bhali? (Iressqu fil-genb). |
| Nutar | Jien ghalija tista tigi kemm trid! [illegible]. |
| Spiru | Xi kemm tghodd is-sinjorina ohtok sur-manifk? |
| Salvu | Qed tara kif sewwa ghidtlek, diehel l-interess, isa jahassra forsi nehilsu minna darba ghal dejjem. (Nutar mifxghul) |
| Spiru | Ghadek ma wigibtniex sur-nutar. |
| Salvu | (Imissu b'mingbu) Kompli mieghu sur-nutar int x'ghandek x'titlef? |

Nutar Hemm nifhem jien ohti Matilde qorbot ghas-sittin, ara jien ghandi tmienja u hamsin u hi sentejn ikbar minni.

Spiru Trid ticcajta manifk, int bis-serjeta qed tghidli? Alla jbierek, lanqas jidrulha, jien ma tajtiex aktar min hamsin.

Nutar Donnok li hadt grazzja ma ohti sur-Spir?

Salvu Nahseb li inti l-ewwel ragel f'Malta li hadt grazzja maghha Sur-Spir, qed tara manifk kif il-baqra tinbieh kollha!

Spiru Ikolli nammetti li kif rajta mill l-ewwel serqittli qalbi.

Salvu U kif nghidlek jien, jekk taghtiha c-cans mhux qalbek biss tisraqlek, izda kull ma ghandek.

Nutar Sur-Spir dalwaqt tibda tohlom b'ohti Matilde.

Salvu Hekk ghandu jaghmel, kieku kuljum jibda jqum imwerwer.

Nutar Bizzejjed Salv ahjar naraw x'ghana naghmlu ghax hlief paroli ma ghadniex.

Spiru Paroli sur-nutar? Nispera li din il- bicca ma tieqafx ghawn ghax jiena nixtieq li nkun nafa aktar lis-sijorina Matilde.

Nutar Heqq... La trid hekk nergaw nitkellmu, issa ejja ha nibdew forsi naslu x'imkien.

Salvu Ara sur-nutar, is-sur-Spir tefa ghajnejh fuq dik id-dar il-kbira li hemm wara l-knisja, u peress li jaf li jien sensar avvicinani u qalli jekk nafx ta min hi.

Nutar Jien nassumi li int taf ta' min hi dik id-dar Salv?

Salvu Eh... Da zgur li naf mela jien sensar ta' xejn.

Spiru Salvu diga tarraffli xi haga qalli li d-dar kienet tan-nannu ta' Censina u issa tappartjeni lilha.

Nutar X'Censina hi sur-Spir?

Salvu Censina sur-nutar... li sa dal ghodu kienet ghada tahdem mieghek.qabel ma' s-sinjorina ohtok ghogoba tkecciha.

Nutar Spjegali sewwa Salv ghax ma jien nifhem xejn.

Salvu    Ara sur-nutar ghandek tkun taf li n-nannu ta'Censina kien mizzewweg darbtejn, wara ftit mititlu l-mara, mbaghad hu rega zzewweg,mill l-ewwel zwieg ma kienx hemm ulied izda mitt tieni zwieg kellu tifel,li jigi misier Censina,peress li dik id- dar kienet ta' omm il mara tan-nannu ta Censina, meta mietet hi misset lilu, qieghed tifimni sur-nutar? Allura i[illegible] giet f'idejn missier Censina, u wara li miet hu misset lilha. (n-nutar ihokk rasu) donnok thawwad xi naqra sur-nutar?

Nutar    Zomm… zomm mhux thawwad, izda int hawwadtni, da kif lanqas naf b'xejn jien? Kif qatt ma qaltli xejn lili Censina?

Salvu    Dik mhux zgur taf, li d-dar tappartjeni lilha.

Spiru    (Bil-Kalma) Kif ma tafx? Mela dawn affarijiet li ma ghandekx tkun taghfhom? Dawn affarijiet serjissimi.

Nutar    Da-zgur li serji, hemm bzonn li naraw kif namlu u ninfurmaw lil-Censina b'dawn l-affarijiet, Salv ara kif se taghmel u tibat ghal Censina halli nkellmuha mill l-aktar fis possibbli.

Salvu    Tridx incemplula? Forsi tasal wasla sa hawn, kif is-sinjorina Matilde mhix qeda hawn.

Nutar    Tassew… sewwa qed tghid Salv, izda jekk ghandek iccempel fittex ehles ghax jekk tigi ohti, u issib lil Censina hawn, ara x'taghmel, jiena nehel.

Spiru    Iva Salv cempilla halli tigi, ilni naqra ma nara' lil Censina, kont mietu gost nitkellem maghha.

Salvu    Gmielek sur-Spir mohhok f'dik u fl'ohra.

Nutar    Ejja fittex ehles Salv li ma tmurx tidhol ohti.(tidhol Matilde minghajr hadd ma jinduna)

Salvu    X'tidhol ohtok sur-manifk,dik bhal issa qeda il- belt sieq fuq sieq pjazza regina tiehu kafe'. (Matilde tirrabja pero ma titkellimx) ara halli ncempel (jiddalja) Hello Censina? Jiena Salvu, iwa Salvu s-sensar, isma n-nutar ghandu bzonn ikellmek urgenti, u le ma gara xejn….. min? Le le toqodx thabbel rasek dik mhix qieghda hawn…… inti kemm jista jkun iddumx…… marret il-belt tiggerra, u le serrah rasek…… tista tigi issa…… mur ara kieku stess issiba hawn int mintix se tibza minna (jidhaq) mela narak! Sahha.

Nutar    U kellha bzonn tibqa fejn hi, daqs kemm hawn kwiet minghajra.

Matilde    He…… iva sur-hija, hawn il-kwiet min-ghajri? Ma' kontx naf li qieghda daqshekk fuq l-istonku tieghek, (iddur fuq Salvu) u int sur galantom, ghadek hawn? Mhux ga ghedtlek li mar ridtx narak hawn?

Int qieghed iggennu lil hija, biex jigi joghqod jixrob maghkhom, u ara ma' nghidlekx kif toqghod tinsulentani go dari!

Salvu Anzi kont qed infahhrek sinjorina.

Spiru Bil mod sinjorina Matilde toqodx titbaqbaq jahasra, ghax ma' jaghmillekx tajjeb ghal sahhtek, dejjem hu kollox bil-kalma fil- hajja.

Matilde (Tahtfu) Int baqa tindahal issa,mur ghoqod bilqeghda hemm fejn kont u tindahalx qiesek wiehed skantat, u int (iddur lejn Salvu) lil min kont qieghed tkellem fuq it-telefon?

Nutar Ghax ha nghidlek Matilde...... kemm gejt malajr mill-belt?

Matilde Int lilek min qallek li jien mort il-belt bhalek?

Nutar Mhux int ghedtli li sejra taghmel avviz fil-gurnali biex ninpjegaw serva ohra, sa fejn naf jien il-belt trid tmur biex taghmel avviz fuq il-gurnali.

Matilde Mela ha nghidlek ghalfejn ma mortx il-belt, x'hin wasalt il-Pjazza biex nirkeb tal-linja ltqajt ma Connie ta warajna u kumbinazzjoni saqsitni jekk nafx lil xi hadd li ghandu bzonn ta xi serva, jien htafta fil kelma u ghedtilha li tista tibda maghna min ghada.Issa tista tghidli ma min kien qed jitkellem dak l-imgerfex? Ghax jien ghandi s-suspetti tieghi.

Salvu Kont se nghijdlek min hu mgerfex, iss bil mod hej...... Sherlock Holmes, ghanda s-suspetti.

Spiru Jiena nahseb li ahjar nerga nghaddi mument iehor, forsi nhallikhom ftit fil-paci.

Matilde X'paci hi din li qed tara' sur skantat oqghod hemm int u ticcaqlaqx halli tkun xhud ta kollox.

Nutar Ara Matilde...... ikallma naqra, poggi bil-qeghda.

Matilde X'naghmel inpoggi bil-qeghda? Lili xi hsibtni? Li ghandek t'ghidli ghiduli... u.ehles!

Nutar Salvu ma Censina kien qieghed jitkellem fuq it-telefon.

Matilde (Irrabjata u tahtfu) Hsibtu jien...... sewwa smajtu ssemi lil-Censina!

Salvu Ix-xjafek...... fejn trid kemm tisma s-sinjorina, ikolli nghid li-ghaddejt ticcargja l-batterija ghand Toni l-mekkanik kif kont barra!

Matilde (Offiza ghall-ahhar) Krispin jien mhux se noghqod aktar ghal dawn l-insulti ta dan il-bicca ta' cuc!

Spiru Ikkalmaw sinjuri, hudu kollox bil-kalma.

Matilde se (Thares b'likrah lejn is-sur Spir) int tindahalx. (Iddur lejn in-nutar) Ara nghidlek Krispin lil-dik ma ridtx nara hawn gew, jien ma nergax lura min kelmti.

Nutar Iva kkallma naqra Matilde, lil-Censina rrida hawn fuq xoghol u xejn izjed, lil-Censina ghandi bzonna ghawn malajr, biex inlaqqahha mas-sur Spir fuq bicca negozzju, ghax is-sur Spir interessat fiha.

Matilde Eh iva issa qed taghmila ta huttab ukoll, lil dan lis-skantat se twikkija.

Nutar X'huttab huttab ta mohhok...... X'inti thawwad Matilde lil Censina rrida hawn ghax wirtet dar u s-sur Spir interessa ruhu fija u jixtieq jixtriha. Ghalhekk cempilnilha biex tigi, u mhux kif qed tahseb int.

Matilde U int (tmur fuq is-sur Spir) jekk trid tizzewwiga mur fittxha go darha, mhux tigi hawn,...... Hawn mhux xi-agenzija mattrimonjali!!

Spiru Bil-mod... bil-mod sinjorina Matilde, kif blajtni bukkun fini, kkallma ftit forsi tifhem is-sittwazzjoni kif inhi.

Matilde Jien ma ghandi bzonn nifhem xejn, jekk trid tizzewweg mur habbat bieb iehor, ghawn ghal xi kuntratt ejja mhux biex insibulek xi mara ghaz-zwieg.

Nutar (Jersaq lejha u jipprova jzomm il-kalma) Matilde...... oht, f'gieh kemm hemm hu naqra pacenza u hallina wehidna, mbaghad meta nkunu ftit kwieti nfhemek kollox, ghax ghadda hafna hin ghandi lanqas raddejt salib d'ghalodu.

Matilde Issa trid tkeccini? Da zgur ghax issa tigi Censina s-serva!! Le u le jien ghawn se noqghod mhux se nitlaq min ghawn, mela x'ha tghidiilha lil Censina ta qalbek li jien m'ghandix nisma...... ara se nghidlek jekk min ghalik li se terga timpjega maghna...... sejjer zbaljat hafna...... dik daqshekk hadmet maghna.

Salvu Iwa hallina jahasra sinjorina, forsi jixtriha dik id-dar is-sur Spir,ghax ga beda jiddejjaq u daqt jitlaq il-barra u ma jixtri xejn, se-ttellifni s-senserija nirrak isalva ruhek, ili ma naqla lira sew fuq xaghrejn u int se tarraqqli kollox...... kollox!

Matilde X'ghedtli?......Horrox......Borrox? Ja bicca ta broxk li int jien ta horrox Borrox? Mela inti x'int?

Salvu (Offiz ghall-ahhar) Hekk le! Smajta x'qaltli sur- nutar? Ghajritni broxk!! Din il-kelma ma noqghodx ghalija, (idur lejn Matilde) Sinjorina, nitolbok treggahha lura.

| | |
|---|---|
| Matilde | X'ghedtli? Xkupa? Kont se nghidlek min hu xkupa! (Tmur biex tahbat ghalih) |
| Spiru | (Izomma u jikkalmha) Le... le sinjorina! Salvu mhux hekk qallek nahseb int fhimtu hazin. |
| Matilde | Int tindahlx ja skantat din mhix bicca tieghek, (iddur lejn n-nutar) lil dak ma' rridux ghawn gew izjed, int mhux se tighdlu xejn? Ma' smajtux jinsulentani go dari stess. |
| Salvu | Nahseb li rega' ghandek il-hsara fil- batterija ta widnejk sinjorina... Nahseb li ma' zammithux ic-carg! |
| Nutar | (Tinstema' l-qampiena tal-bieb ta' barra) Nahseb li waslet Censina. Salv ara tmurx tifthila ftit jekk joghbok. |
| Matilde | (Salvu jkun se jmur biex jifthila) Int ghoqod hemm fejn int!! U ghamilli pjacir u tindahalx. |
| Salvu | Isma' sinjorina jien in-nutar qalli biex immur nara minn gie, kemm ma' tahmilniex int lili. |
| Matilde | Imsomma ghalaq halqek int, (iddur fuq in-nutar) halli mmur nifthila u jekk giet hi ara x'ghandek x'tghidila u ehles halli terga ddabbar rasa l-barra min fejn giet. (tohrog) |
| Nutar | Kemm haditha fuq demm id-dras ohti lil-Censina miskina. |
| Spiru | Sur-manifk is-sinjorina ohtok ghanda bzonn tikkalma ftit tafx ghax il-kedded ma' jaghmluliex tajjeb ghal sahhita, dik ghanda bzonn il-hrug. |
| Salvu | X'ma jaghmluliex tajjeb hu, dik l-inkwiet sahha jtieha, sewwa qed tghid sur-Spir li ghanda bzonn il-hrug. Ghax ma' tibdiex tohroga tohoda u ma' tergax iggiba l-hawn izjed. |
| Nutar | Bizzejjed Salv ghax gejja u tisimghek. |
| Salvu | X'inti tghid sur nutar? Dik lanqas jekk tisplodi bomba wara widneja illum ma' tisimghek ghax illum rih isfel. |
| Matilde | (Tidhol Matilde ma' Connie s-serva l-gdida) Krispin... Ara min gie... giet Connie ghax qalet li tixtieq tiltaqa mieghek. Connie se tibda tahdem maghna min ghada. |
| Connie | Skuzani sur-nutar ta forsi gejtek hin hazin, izda ommi qaltli mhux ahjar tmur sa ghand in-nutar Krispin halli tiltaqa naqra mieghu... ma' tafx int hekk imorru l-affarijiet. |

Nutar Da zgur… da zgur hekk imorru l-affarijiet mhux hekk… hekk titlob l-etika mela kif ghamlet ohti qabdet u marret timpjega wahda biex tibda maghna u lanqas biss nafa ghandi pjacir sinjorina Connie li sirt nafek (jiehu b'idejn Connie)

Matilde Jien hekk mamilhom l-affarijiet mal hagra t-tajn, u ha nghidlek ta' bla hsieb jirnexxi. Issa mhux xorta sirt tafha?

Connie Isma sur-nutar ma' ghandekx ghalfejn toqghod issejjahli sinjorina Connie…

Connie bizzejjed.

Spiru Skuzi sinjorina Connie, ghadni ma' ntroducejtx lili nnifsi jiena Spiridjone Tanti (imur biex johdila b'idha).

Matilde Ghoqod hemm int ja bicca ta xih, hadd ma staqsik min int.

Salvu Din isbah min Censina… Xi tghid sur-nutar?

Nutar Bizzejjed Salv li ma' tisimghekx ohti, u holl xaghrek u gib iz- zejt.

Salvu U x'tismghani… tismghani… illum batterija baxxa sur-nutar.

Matilde (Tinduna li qed jghid fuqha) X'inti tghid fuqhi int? Ara ma' nkunx naf li qed tghid fuqi jew tghaddi xi botti ghax b'rasek idur.

Salvu X'botti huma sinjorina? Ma' tarax mela jien qed nghid fuqek? Lis sur-nutar staqsejtu x'hin huwa, dak kollox… Hux veru sur-nutar?

Nutar Mela allura min ghada se tibda tahdem maghna Connie? Qis li-tibda tnaddaf sew ghax ohti seqer toghqod fuqek (jidhaq).

Matilde (Tahtfu) Dawk l-affarijiet hallihom f'idi Krispin, int mohhok f'xi kuntratt u mhux f'li taghmel Connie lil din halliha f'idi.

Connie Iva sur-nutar min ghada, ghax hekk xtaqet is-sinjorina ohtok, jien xtaqt li kieku bdejt il-gimgha d-diehla, izda hi nsistiet li nibda mill l-aktar fis, allura ghallhekk ommi qaltli biex nigi u niltaqa ftit mieghek. Mhux hekk imorru l-affarijiet sur-nutar?

Nutar Sewwa ghamilt Connie… Sewwa ghamilt.

Spiru Sewwa ghamilt Connie ruhi. Xejn xejn sirna nafu min int ukoll.

Matilde Int x'jinterressak min hi? Kemm thobb tindahal fejn ma jesakx.

Spiru Toffendix ruhek sinjorina Matilde, (bil-hlewwa) jien l-aqwa li sirt naf lilek

ghax jien qatt ma kont naf li n-nutar ghandu ohtu xebba.

Salvu Mela x'ridtha tkun jekk mhix xebba, mela dik hawn xi hadd li jrid jitwikka biha.

Spiru Tahfirli jekk offendejtek? Nispera li tghidli iva.

Matilde (Tiehu pjacir bil-kumplimenti tas-sur Spir) La tridni nghidlek iva lesta li-nahfirlek ara qis li m'hemmx kunfidenza zejda. (Titbissimlu)

Salvu Sa fl-ahhar rajtha tithaq wahda... Ikolli nghid li s-sur Spir messila qalbha lil l-ohtok sur nutar, u naqta ghonqi barra li ma ndumux ma' nieklu biskuttin.

Connie Se jkolli nhallikhom sinjuri ghax ghad fadalli hafna qadi x'naghmel, mela narak ghada sur nutar, sahha ghalikhom.

Nutar Sahha Connie mela narak ghada jekk Alla jrid.

Matilde (Tinstema il-qampiena tal-bieb ta barra) Mela halli mmur inwassal lil Connie sal bieb, u fl-istess hin nara min gie.

Connie Sahha ghalikhom sinjuri.

Salvu, Nutar, Spiru Sahha Connie! (Matilde u Connie johorgu)

Spiru Gustuza din Connie hux sur-nutar?

Salvu Ara tisimghekx is-sinjorina Matilde, ghandu jkun int ma ghandek xaba qatt sur-Spir, ma' tistax tara mara, filli tfahhar lis-sinjorina Matilde, u issa qed tfahhar lil-Connie.

Spiru B'daqshekk x'ghidt jien, jidirli li ma ghidt xejn hazin. (Jinstema hafna ghajjat min barra.

Nutar Alla jibaghta tajba ghax hazina ilha, dan x'ghajjat hu? Ara aqtawa ghax tghidli qalbi gejja xi wahda tinkiteb, ikolli nghid li giet Censina u ohti ma tridtx thalliha tidhol.

Matilde (Tidhol Censina u warajha tidhol Matilde tillatika) Din x'arroganza hi tieghek kif taqbad u tidhol ghand in-nies hekk?

Censina ma Jiena in-nutar qalli biex nigi ghax ghandu bzonn ikellimni ghax li kieku

kontx nersaq l-hawn, x'nigi naghmel? Biex nara skamplu bhalek?

Matilde (Titmashan) Smajta x'qaltli Krispin? Imbghad tigi int u tghidli biex inhalliha tahdem maghna, le dan qatt m'jkun!!

| | |
|---|---|
| Nutar | (Jipprova jikkalma) Iva Matilde ghalfejn dawn l-argumenti kollha? Jiena ma' ghidtlekx l-ewwel li ghidtila biex tigi s'ghawn ghax ghandi bzonn inkellima? |
| Salvu | Probabli l-batterija kienet baxxa ghal kollox dak il-hin, ghalhekk ma' femitekx. |
| Matilde | Kont se nghidlek x'kelli baxx, (iddur lejn in-nutar) qieghed tisma int? Jinsulenti u lanqas biss tiftah halqek! Mank twwidbu naqra, thallih jghid li jrid jew qieghed tiehu gost tisimhu jghajjarni? |
| Nutar | U ejja Matilde x'inti tghid, mela Salvu qieghed jghajrek b'daqshekk? |
| Censina | Sur-nutar fittex ghidli x'ghandek bzonn halli nitlaq min fejn gejt. |
| Nutar | Jekk jogbok Matilde tista thallina ftit wehidna? Forsi nehilsuha din il-bicca xoghol. |
| Matilde | D'zgur, intom hekk tridu li nitlaq min hawn halli tkunu tistaw tghidu li tridu, ara kemm se tghidu kontra tieghi x'hin m'nkunx hawn gew, izda f'wicckhom se jibqa ghax jien hawn se nibqa. (Tpoggi bil-qieghda) |
| Spiru | U le sinjorina fejn sejra b'rasek, jien hawn se nkun u nassigurak li hadd m'hu se jghid kontra tieghek, Matilde halli f'idejja u ma tbatiex. |
| Salvu | Iss... Bil–mod hej Romeo... X'taqbez ghaliha s-sinjorina sur-Spir, ikolli nghid li ma'dumux ma nieklu biskuttin. |
| Matilde | (Tahtaf lil Salvu) Ara veru ma ghandekx min nies int, din x'kunfidenza hi? Int min tahseb li int? Dawn il-botti jaqbillek li ma titfahhomx izjed, ghax fl-ahhar se nispiccaw hazin jien u int. (Tqum bil-wieqfa u tersaq lejn Salvu) Jekk nerga nisimghek tghid xi haga fuqi b'rasek idur, ghandi bastun u fuq rasek naqsmu. (Salvu taparsi qed jibza minnha) |
| Salvu | Sa fejn naf jien ma' kellimtekx sinjorina, ghax ma' tghidx li kull darba li nghid xi haga jien, tahseb li qed nghid fuqek, jien mhux lilek kellimt izda lis- sur-Spir. |
| Matilde | Jekk kellimt lil dak qisek kellimt lili hux veru Spiridjone? |
| Spiru | (Jinhasad ghal dan il-kumment ta Matilde izda jidher li ha pjacir) Da zgur... Da zgur sewwa qeda tghidlek Salv... Inti ticcajta naqra goff kultant! |
| Matilde | U niccajtalu jien sejra... Anke int Krispin mieghu izzomm, ghax qatt ma' smajtek iccanfru, dejjem thallih jghid li jrid u li joghgbu. |
| Nutar | Issa jien se nehel? Matilde mhux ahjar thallina ftit forsi nibda nahdem? |

Salvu — Sewwa qed jghidlek in-nutar sinjorina daqt idoqqu il-hdax u ghandi grizmejja taf kif inhuma xotti ghadni lanqas bela kafe' ma hadt, ma tghamilliex naqra kafe' hux? Jekk joghgbok?

Matide — Kont se nghidlek x'naghmillek lilek! Nghamillek bomba tihdok ghand boxxla xjaten, jekk trid il-kafe' mur ghand Pullu tal-hanut fejn tmur is-soltu tixrob u tiehu lil ghaziz hija mieghek. Jien sejra Krispin ara ma nkunx naf li ergajt impjegajt lil din maghna. (Tkun se tohrog)

Censina — (Censina tiehu ghalija) Isma sinjorina jekk int ma tridnix, lanqas jien ma' rrid nigi nahdem hawn d'ment li int ghadek tghammar f'din id-dar!! (Matilde tohrog)

Salvu — Ghall-erwieh jahasra x'fonqla ta mara dik telqet sa fl'ahhar, ghadni qatt ma' rajt mara difficli bhalha, miskin hu dak li forsi ghad irid jitqanna biha. Ma nafx kemm tafx ghax la ma' ngabritx s'issa ma' nafx meta sa tingabar. (Ihares lejn is sur -Spir)

Spiru — Halli nghidlek haga Salv, dak li qatt ma hsibt f'mitt sena jista jigri f'minuta u ta' bla hsieb dejjem jirnexxi, u fl'imhabba m'hemmx eta. U... U...

Nutar — (Jaqtalu kliemu) Ejjew sinjuri halli naraw x'ghandna x'maghmlu, ghax sar hafna hin. Ara Censina ifimmni sewwa se nghidlek, inti lis sur-Spir tafu hux?

Censina — Hi d'zgur li nafu.

Nutar — Mela halli nghidlek, is sur-Spir tefa ghajnejh lejn dik id-dar battala li hemm wara l-knisja, u jixtieq li jakkwista'. (Censina tidher imhawda bid- diskors tan-nutar)

Censina — Imma jien x'ghandi x'naqsam ma' dik id-dar li hemm wara l-knisja?

Salvu — Bsartu jien... Li Censina ma' tafx li dik id-dar tappartjeni lilha.

Censina — X'inhi din sewwa smajtek Salv? Dik id-dar tieghi?

Nutar — Sewwa smajt Censina dik id-dar tieghek. (Matilde tidher qeda tissemma kollox)

Censina — Imma dan kif sur-nutar? Fehmni ftit ghax qed inhoss kullimkien idur biha. (Mistghagba)

Spiru — Poggi ftit bil-qeghda Censina li ma jmurx ihossok hazin, issa in-nutar ifhemek kollox.

**Salvu** Prosit Cens b'xortik, issa jekk tbiha taqla kemxa mhux hazin, u tkun tista' timpjega serva mieghek u mhux tmur toqod issefter int ghand innies. Jekk ikollok bzonn ta xi wahda ara tghidx lis-sinjorina Matilde.

**Nutar** Bizzejjed dimonju li ma tmurx tisimek.

**Censina** Din tal llum qatt ma stennejta f'mitt sena sur-nutar, jien ma' bsartx li bghat ghalija ghalhekk, izda hsibt li se tkellimni fuq xi mpjieg u ghidt bejni u bejn ruhi dan kif possibbli in-nutar se jerga jghidli biex nerga nidhol nahdem mieghu. Sur-nutar tiehux ghalik izda d'ment li hawn dik jien ma nahdimx mieghek. (Matilde tidher li qeda tinked)

**Salvu** U toqodtx thabbel rasek fuq is-sijorina lil dik dalwaqt nehilsu minna.

**Matilde** (Tidhol fuqhom ixxejjer bastun lejn Salvu) Trid tehles minni hux? Ejja l'hawn halli nghilek kif se tehles minni (tigri wara Salvu) jekk naqbdek rasek naqsammlek b'dan il-bastun.

**Spiru** Bil-mod... Bil-mod sinjorina li ma tmurx taqa u twegga.

**Matilde** Int oqghod hemm hallini, ha nizfoga... Ghax ili nistennieh dan il mument, dan il-bastun fuq rasu irrid naqsmu.

**Nutar** Dak mhux hekk ried jghid, Matilde nahseb li int fimthu hazin Salvu mhux ghalik kien qieghed jghid.

**Matilde** Le mhux ghalija kien qieghed jghid? Int se terga zzomm mieghu, ara naqsamx tieghek ukoll. (Iddur lejn Salvu) Issa tridni nidhol seftura ma' Censina wkoll? Ja bicca ta pastaz li int!! (Tibda tigri warajh u ittieh bil-bastun fuq rasu)

**Salvu** Ajma jahasra sinjorina se taqsamli rasi!! Ajma jien mhux ghalik kont qieghed nghid! Ajma! Ajma!

(Matilde tibqa tigri warajh)

## TMIEM L-EWWEL ATT

Bukkett Fjuri
Għall-Matilde

It-Tieni Att

# MATILDE

## IT-TIENI ATT.

(Xena turi l-istess ta l-ewwel att)

(In-xena n-nutar jghid lil Salvu, Pullu, u lil Toni biex jidhlu)
(Salvu jidher li ghandu gundalla sewwa fuq mohhu.)

Nutar Ghadu hbieb ghadu, poggu bil qeghda. Illum irrid inpatti ta kemm ilhi ma nixrob maghkhom, issa nixorbu xarba tajba biss sahha t'ohti.

Salvu Isma sur-nutar inti zgur li ohtok mhix gejja l-hawn illum hux?

Nutar U ma tarax Salv,mela kieku kont se nghidilkom biex tigu hawn, dik marret irtir ma Fr.Mark, dak il-qassis il-gdid li gie hawn ir-rahal.

Toni Kemm se jdumu l-irtir sur- nutar?

Nutar Skond ma qaltli ohti jumejn zgur,jigifieri jien hlist helsa minna sa nhar il-hadd!!(jidhqu)

Pullu Fejn hadhom lix-xjuh tar- rahal Fr.Mark sur- nutar?

Nutar Hekk ghidilha lil l-ohti, xiha! Halli tizbranak,jekk tisimek tghid hekk zgur li jkollok xi tghid maghha Pull.

Pullu U le sur nutar mhux se tismani. Allura fejn hadhom Fr.Mark?

Nutar Sa fejn naf jien go kunvent tas-sorijiet li hemm x'imkien lejn ir-rabat.

Toni Hemmhekk ghal l-arja sur-nutar hemm ma tantx timmoffa.

Nutar Halliha Ton forsi tibqa imqar ghal xahar!Jahassra mhux li kien ghax ma niflahx nismaghha teqred aktar ma wicci.

| | |
|---|---|
| Salvu | Int ragel sewwa zzejjed sur-nutar.Jien ilni nghidlek biex tara kif tghamel u tehles minna min hawn gew, kieku festa kulljum naghmlu. |
| Nutar | Salv....Salv ghoqod bi kwietek halli f'idejja .Issa jien se jkolli nillarga ftit tafux, ghax se nohrog, izda dalwaqt tergaw tarawni maghkhom, jekk jigi xi hadd irrispondieh int il-bieb Salv, jekk jogbok ftemna?...Isa hbieb hawn qiesu takhom ferraw u ixorbu toqodux tistennew lili f'imtuni? |
| Salvu | Halli f'idi sur manifk, mur ghal l-affari tieghek, izda ddumx kemm tista halli tfittex terga tkun maghna.(n-nutar johrog mil bieb tal-gemb) |
| Pullu | Jidher li ghandek daqqa tajba fuq mohhok Salv? |
| Salvu | (Izomm mohhu)Hallini tafx, ghax meta ssemmili terga tibda tugani!! Ma kienetx daqqa ta bastun li fajrittli nirha tixxawwat u ma ssibx terra!! |
| Pullu | (Jidhaq) Mela x'ghamilta biex tatek daqqa ta' bastun fuq rasek? |
Spiru Mela niskuza ruhi,it-tort huwa kollu tieghi, ghax jien ghandi habta nitkellem min taht l-ilsien.

Matilde Mieghi titkellimx hekk,ghajjat halli nisimek sewwa.

Spiru (Jghajjat hafna)Kollox sewwa mela, naghmel kif qed tghidli hekk tajjeb?

Matilde Tajjeb imma kieku tbaxxilu ftit ma taghmilx hazin.

Spiru Naghmel kif naghmel naqlahha mieghek jien.

Matilde Ara naqtawa issa,ejja poggi bil qeghda halli nitkelmu ftit bis-serjeta,allura inti xi kemm tghodd sur-Spir?

Spiru Skond kemm ghandek int.Int kemm ghandek snin?

Matilde Nahseb li jien ghamilta l-ewwel il-mistoqsija,mhux hekk?

Spiru Mela halli nghidlek jien ghandi tnejn u sittin sena ghadni kif alaqtom, (62) issa jmiss lilek tghidli kemm ghandek snin,avolja jien ga naf kemm ghandek bejn wiehed u iehor,u ninsab cert li int mintiex ikbar minni.

Matilde X'inhu,ikbar minnek?(Tidhaq)Iva hekk nidher ikbar minnek?Prosit ghalik Spir, Alla jbierek ga bdejt tipprova tghaddi z-zmien bija.

Spiru U le fejn sejra b'rasek nahseb li ergajna ma f'temnix.

Matilde Jekk trid li jien u int nibqghu hbieb toqotx iddawwar diskors, mieghi kun ezatt fi kliemek?

Spiru Nahseb li issa se nitlef il-pacenzja.

Matilde X'ghedt Spir,ghedtli xi haga?

Spiru Le le xejn,kont qed nitkellem wahdi.

Matilde Ghadni ferm lura biex nilhqek fl'eta, u mhux ha nghidlek kemm ghandi,......hekk halli tibqa bil kurzita.

Spiru Ma jimpurtax Matilde,jien hekk niehu pjacir tghidli,aktar ma tkun zghira fl'eta.... aktar ahjar.

Matilde X'inhi din, stajt nkun ahjar,issa zzejjed dawn il-botti mhux se nippermetilek li tghidomli,kont nahseb li inti aktar edukat.

Spiru (Ikkonfondut)X'nista naghmel izjed maghha din,jien ghedtlek hekk, ghax inti togobni ...kif inti.... tele quale u xejn izjed.

Matilde Issa se toghqod izzighel bija hux?

Spiru U....isa Matilde,ikkumpatini jien ragel misthi hafna,u ndum nahsiba biex nghabbi mara.

Matilde Mieghi kun sincier u toqghodx iddur mal lewza.

Spiru Ghax ha nghidlek......jien ghandi grazzja mieghek.

| | |
|---|---|
| Matilde | Sewwa qeda nisma jien? |
| Spiru | Trid nerga nirrepetilek Matilde ruhi? |
| Matilde | Le le m'hemmx ghalfejn nahseb li sewwa smajt hux veru Spir? |
| Spiru | Da'zgur li veru,taf kemm ilhi nahsiba biex nghidlek,anke lin-nutar ghidt bil hsieb,izda ghadu ma taniex risposta. |
| Matilde | U lanqas itik,ma tarax ruhi Spir li n-nutar mhux jiehu pjacir li jien nizzewweg,u zgur liii hawn iridni halli noghqod indur bih. |
| Spiru | U le fejn sejra b'rasek Matilde, n-nutar deher li ha pjacir meta ghedtlu bil hsieb tieghi. |
| Matilde | Mhux hekk, lilek mhux se jghidlek le, biex ma jiksirix mieghek, imma jarralu jekk qed jahseb li se jtellifni din l-okkazjoni. |
| Spiru | Imsomma issa l-aqwa li taf,issa se tghidli? |
| Matilde | Ghalfejn din l-ghagla kollha?Issa toqghodx tohodli rasi biex nghidlek iva mill l-ewwel,tini ftit taz-zmien biex nahsiba. |
| Spiru | Kollox sew,mela, ahsiba u mbaghad ghidli,thallinix nistenna hafna Matilde. |
| Matilde | Min jistenna jitenna sur-Spir. |
| Spiru | Anke Salvu s-sensar ha pjacir x'hin urejtu l-hsieb tieghi. |
| Matilde | (Titbaqbaq)Mela int bla mohh, lil dak mort tghid,dak in-nofs nies!!Issa tara Malta kollha tkun taf. |
| Nutar | (Jidhol in-nutar)Sur-Spir ma jidirliex li kelna niltaqaw illum. |
| Matilde | Isma l-hawn sur-galantom. |
| Nutar | X'inqala Matilde? |

Spiru (Jipprova jwitti l-bicca)U issa l-aqwa li tkellimna Matilde mhux hekk?

Matilde Int ghoqod kwiet u halli lili nitkellem….f'temna?

Spiru Kollox sew la trid hekk.

Nutar Nista nkun naf x'inhu jigri,ghalfejn qeda taghmel dan il-plejtu kollu.

Matilde Mela ha nghidlek,meta n-nies ikollhom xi risposta ghalija lili ghidli mill l-ewwel,u mhux ma titkellem xejn.

Nutar X'risposta hi li kelli nghidlek?

Matilde Miskin ha jilaghba tal fidil issa, ma tafx li s-sur Spir kien ghamellik proposta.

Nutar Spjega ruhek ghax issa vera se nithawwad, sur-Spir f'gieh kemm hemm x'ghidtli int?

Matilde Diga insejt? Alla jbierek, kemm tinsa malajr fejn jaqbillek.

Nutar Ara jien ukoll hsibt li se noghqod ftit ghal kwiet da l-ghodu, int kien jonqos.

Spiru Mela insejt sur-nutar meta kont kellimtek dwar is-sinjorina ohtok.

Nutar Il-marelli kif hargitli min rasi,iva…iva mela x'inhu t-tort kollu tieghi ghax insejt nghidlek.

Matilde Int hekk kien jaqbillek tinsa,int hekk trid jien nibqa hawn,halli noghqod inseftirlek,x'jimpurtah hej l-aqwa li jkun gawdut hu s-sur nutar!!

Nutar Min jien? irridek mieghi?Matilde sejra zbaljata,x'hin trid tista titlaq,ma tarax li mhux se ntelfek okkazjoni bhal din.

Matilde X'okkazjoni hi?Mela dejjaqtek hawn?Issa trid tehles minni?

| | |
|---|---|
| Nutar | Ara veru ma nafx fejn qieghed mieghek jien,ghadek kemm ghidtli li rrid inzommok mieghi,issa se tghid li rrid nehles minnek?Int il veru mara stinata!! |
| Matilde | X'ghedtli Krispin?Jien mara ntamata?Int il-veru ragel ma tafx tisthi,dan wara li gejt mieghek biex noghqod inseftirlek?Le le ma jistax jkun li jien noqghod ghal dawn l-insulti,smajtu Spir x'qalli?(Jidhol Salvu minghajr ma jindunaw bih)Ara kif se taghmel u niffissaw data halli nfitxxu nizzewgu. |
| Salvu | Sinjorina,jien noqghodlok xhud jekk trid. |
| Matilde | Int kif dhalt minghajr ma habbat?M'ghedtlekx kemm il darba biex ma tibqax diehel?Din x'kunfidenza hi!! |
| Salvu | Da'zgur li habbat,kont ghodni qlajta l-qampiena daqs kemm il-darba cempilta. |
| Matide | Mela fejn hi Connie?Sinjal li mhux xeru li cempilt,biex lanqas Connie ma semehta.(issejjah lil-Connie.)Connie.....Connie. |
| Nutar | Ghalfejn se toghqod tkabbarkom l-affarijiet?B'daqshekk x'ghamel jekk stess baqa diehel Salvu? |
| Matilde | U zgur ghalik mhux xorta ihabbat u ma jhabbatx! |
| Connie | (Tidhol Connie)Sejjahtli sinjorina? |
| Matilde | Tista tghidli fejn kont? |
| Connie | Fuq il bejt qed nonxor il-hwejjeg. |
| Matilde | Allura ma smajtiex il-qampiena d-doqq? |
| Connie | Kif tridni nismahha min hemm fuq. |
| Matilde | Dan kif mela qed tittarrax? |

| | |
|---|---|
| Connie | Int!! Lili truxa qed tghidli,ara sewwa jghidu li.......ahjar ma nghid xejn. |
| Salvu | Sewwa taghmel Con ghax taf x'jghid il-Malti hux .....Meta tipprova tahsel ras il-hmar,tkun qed tahli l-ilma u s-sapun. |
| Matilde | Mela allura jien hmar ghalik,hux hekk? |
| Salvu | U le,jien propja mhux hekk ridt nghid..... . |
| Matilde | (Lil Spiru) Int mhu se tghidlu xejn?Se thallih jajjarni? |
| Spiru | Salv... mhux ahjar toqod ftit kwiet, u ma taqlax izjed paroli. |
| Salvu | Mela int ghadek hawn sur-Spir? Jien hsibtek tlaqt ma smajtx lehnek izjed. |
| Connie | Jiena sejra nkompli ghax ghad fadalli hafna x'naghmel. |
| Matilde | Mur kompli u qies li din ma tergax tigri.....l-bieb wigbu mil l-ewwel darb ohra f'temnha? |
| Connie | Nahseb li mill milied sa san Stiefnu se naghmnel hawn(tohrog) |
| Nutar | Iva hallija bi kwieta issa ma Connie se taqbad? |
| Matilde | Kompli sejjer kif inti sejjer,halli lil kullhadd jitla fuq rasek u jaghmel li jrid bik!! |
| Nutar | U hallina minnek,fid dinja daqqa jien u ohra int,mhux kif taghmel int dejjem tigbed lejk biss. |
| Matilde | Jien ma naqbilx mieghek,int bniedem ta' profesjoni u ghalhekk qatt m'ghandek thalli lil hadd jitla fuq rasek!! |
| Spiru | (Biex idawwar id-diskors)X'kont se nghid bilhaqq..... |
| Matilde | Stenna int ghax ghadni miniex lesta,(iddurlejn in-nutar)u ohra Krispin ghadek m'ghedtlix ghalfejn ma kont ghedtli b'xejn bil proposta ta Spiridjone. |

Nutar Kemm se ggiba bi kbira,issa mhux l-aqwa li taf, allura xi tridni naghmel,mhux ga ghedtlek insejt nghidlek,issa ara se taghmel forsi nehilsu ghax ghandi hafna x'naghmel.(ihares lejn l-arlogg)

Matilde Naghmel li ghandi naghmel, hekk tridni hux?Tibzax hekk se naghmel.

Salvu Sinjorina nahseb li regat iccaqalqitlek il-batterija.

Matilde Frattarija?Jien qed naghmel frattarija? Qed tara hux x'kunfidenza tajtu lil dan, qed tara kif ikellimni lili,dan kollu tort tieghek.

Nutar Tort tieghi hux,u zgur tort tieghi, mhux dejjem jien nehel isir x'isir dejjem jien nehel mieghek.

Spiru Matilde, ruhi tridtx immorru naghmlu zewg passi,forsi nikkalmaw ftit eh….xi tghid?

Nutar Veru idea tajba sur-Spir,morru duru dawra,hekk jew b'hekk ghandhom jigu n-nies dalwaqt.(jerga jhares lejn l-arlogg)

Matilde Nahseb li ahjar, ghax bhalissa tghidx x'fawra ghandi fuqi.(lil Salvu)u int qis l-iddabbar rasek x'hin tlesti!!

Nutar Morru… morru oht, u m'ghandkomx ghagla biex tigu.

Matilde U iva sejrin mela qedin fuq zaqqek(jibdew hergin)

Nutar Sahha sur-Spir sahha.

Salvu Sahha sinjorina, sur-nutar ohtok x'hin tara lili qisa rat lil ta barra min hawn.

Nutar U m'ghandix ragun jew,mela mhux int il-problema taghha(jidhaq)

| | |
|---|---|
| Salvu | Ukoll….Issa xieraq tizzewweg lis sur-Spir u tibqa toghqod hawn, mieghek,sur-nutar. |
| Nutar | Bizzejjed Salv ghax dan il hsieb ga hsibtu jien, qieghed ikiddni. |
| Salvu | Dik bl'iskuza li taparsi se tiehu hsiebek hawn tibqa mieghek,u addio kollox. |
| Nutar | Le Salv… le din id-darba tieghi tghaddi u mhux taghha!! |
| Salvu | Mela hekk sur-nutar, hekk niehu pjacir nisimek tghid. |
| Nutar | Issa decis,milli se naghmel,tghid li trid ohti. |
| Salvu | Mela se taghmel sur-nutar?skuzani qed insaqsik. |
| Nutar | Mhux ghalissa Salv naqra ohra mbaghad tkun taf.(jinstema l-bieb ta' barra) |
| Salvu | Dan il bieb,min seta gie bhal issa sur-nutar? |
| Nutar | (Ihares lejn l-arlogg) min jaf,jekk ma mmorrux nifthu ma nkunux nafu Salv. |
| Salvu | Mhux xi klijent bhas soltu sur nutar? |
| Nutar | Ma nahsibx Salv(jerga jinstema l-bieb ta barra)Connie…. Connie…(fil pront tidhol Connie) |
| Connie | Ghidli sur-nutar? |
| Nutar | Wiegeb ftit il-bieb jekk jogbok? |
| Connie | Hekk kont se naghmel sur-nutar,domt ftit ghax kont fuq. |
| Nutar | Ma jimpurtax mur ara ftit min gie. |
| Connie | Arani sejra sur-nutar. |
| Salvu | X'kont se nghid sur-nutar….. |

| | |
|---|---|
| Nutar | Tghid xejn Salv ghoqod kwiet ghal issa. |
| Salvu | Xi gralek f'daqqa wahda sur manifk?Ma nafx kif qed narak. |
| Nutar | Xejn Salv xejn(tidhol Connie) |
| Connie | Sur-nutar hawn Censina ghalik. |
| Nutar | Ghidilha tghaddi,Conn (Censina tidhol) Ghaddi Censina.... ghaddi.Poggi bil-qeghda,(Censina tpoggi)Allura kif inti Censina? |
| Censina | Tajba grazzi,u inti. |
| Nutar | Jiena tajjeb....u issa ahjar mil l-ewwel zgur,tiehu ftit kafe'? |
| Censina | U toghqod taqla xejn sur-nutar. |
| Nutar | Connie ghamlinna ftit kafe'jekk jogbok,Salv hallina Ftit wehidna ghal issa,titlaqx ghal kolox Salv. |
| CONNIE ~~Censina~~ | Daqt maghkhom sinjuri. |
| Salvu | Kollox sew sur-nutar(Censina u Salvu johorgu) |
| Censina | X'inqala sur-nutar,ghal fejn cempiltli biex nigi hawn? |
| Nutar | Ghax.....ma nafx kif se naqbad nghidlek ...... |
| Censina | Ghalfejn qed tirtodd sur-nutar? |
| Nutar | Nirtodd? Jien qed nirtod?(idejh jibdew jirtodu) |
| Censina | Ticcajta.... mela int qieghed tirtodd,ghidli x'inqala sur-nutar. |
| Nutar | Ara l-ewwel nett ma riedekx tghidli iktar sur-nutar,jien Krispin ghalik, mil-llum il-quddiem. |
| Censina | Isma sur-nutar,int kollox sew?Jaqaw xi naqra ma tiflahx? |

| | |
|---|---|
| Nutar | Le…le… m'ghandi xejn,kull ma jien naqra ecitat,dak kollox. |
| Censina | Issa nista nkun naf.. fiex nidhol jien? |
| Nutar | Censina kieku kellu jigi xi hadd, u jghidlek li ghandu grazzja mieghek x'tghidlu? |
| Censina | X'nghidlu?Nibatu ghand boxxla xjaten dak li naghmel. |
| Nutar | (Mahsud)Iva….hekk tghidlu?Lanqas issaqsih xejn? |
| Censina | Xi tridni nsaqsih…ghalfejn qed taghmilli dawn il-mistoqsijiet? |
| Nutar | Jekk nghidlek li naf lil xi hadd li ghandu grazzja mieghek…… |
| Censina | (Tqum min bil-qeghda)Sur-nutar nahseb li ahjar nara mmurx ghax m'ghandix aptit nisma hmerijiet illum. |
| Nutar | Hmerijiet b'daqshekk?Jien bis serjeta qieghed nghidlek,dawn mhux affarijiet tac-cajt Censina, hu ftit pacenzja bija ghoqod ftit iehor hawn….. poggi bil-qeghda.(Censina tpoggi) |
| Censina | Sur-nutar mhux ahjar tghidli li ghandek tghidli,ghax issa qieghed tinkwetani. |
| Nutar | Le hej jien ma rridekx tinkwita,ara Censina ruhi…. jien hu dak li ghandu grazzja mieghek.(Pawsa Censina tidher li qeda tisthi xi ftit) Censina m'inti se tghidli xejn? |
| Censina | Xi tridni nghidlek, inti hallejtni bla kliem. |
| Nutar | Censina ilhi nahseb kif se naqbad nghidlek,imma qatt ma sibt il-kuragg,illum iddecidejt li nghidlek ara ma tghidlix le |
| Censina | Sur-nutar dawn mhux affarijiet li ghal kemm taqbad u tiddecidi kif gib u lahaq. |
| Nutar | Hu l-hin tieghek kollu m'ghandekx ghagla, u bil-haq ga ghedtlek jien Krispin jisimni. |

| | |
|---|---|
| Censina | Sur-Krispin...... |
| Nutar | Krispin biss. |
| Censina | Krispin,hux hekk tridni nghidlek? Int tahseb li ohtok Matilde se taccettani bhala wahda min tal familja? |
| Nutar | Ohti?Ohti x'ghanda x'taqsam? Ohti tghid li trid jekk jidirlha xi haga,taf x'ghanda taghmel. |
| Censina | Xi tridha taghmel,..... ma tafx x'ghamlitli lili,lanqas bhala serva ma ridittni hawn, ahseb u ara bhala martek!! |
| Nutar | Imma jekk nghidilha li se jsir hekk .....ikollha taccetta,trid u ma tridtx!! |
| Censina | Ajma hej hekk mur ghidilha, li jien se nithallat maghha...le le ma jistax ikun sur-nutar. |
| Nutar | Ghala qedha taqtali qalbi min issa Censina? |
| Censina | Int veru ragel tajjeb Krispin,tahseb li kullhadd bhalek, jiddispjacini nghidlek li ohtok m'hiex ta l-istess karattru tieghek nahseb li jien u hi ma naqblux flimkien. |
| Nutar | Lanqas jekk nghidlek li ohti titlaq min hawn? |
| Censina | Mela fejn sejra?Diehla soru? Imsieken sorijiet. |
| Nutar | Isa Censina..... ghidli iva!! |
| Censina | Nixtieq, imma ahjar mhux issa,ikun ahjar jekk niccaraw l-affarijiet l-ewwel, tini ftit tac-cans nahsiba. |
| Nutar | Meta se nkun naf ir-risposta? |
| Censina | Ghada ncempillek u nghidlek. |

| | |
|---|---|
| Nutar | Se thallini nistenna sa ghada?Mela l-lejla m'hemmx irqad ghalija. |
| Censina | U ejja Krispin mill illum sa ghada x'hemm? |
| Nutar | Mur id-dar ghoqod ghal kwiet u ahsiba, u mabghad ghidli. |
| Censina | Kollox sew issa aktar tard incempillek u nghidlek. |
| Nutar | Le mhux iccempilli,imma ejja hawn halli nerga narak,f'temna? |
| Censina | La tixtieq hekk... hekk naghmel halli f'idi sur-nutar. |
| Nutar | Krispin....Censina ....Krispin tinsiex, ha nigi nwasslek sal bieb. |
| Censina | (Bid dahqa)M'hemmx ghalfejn,ghoqod fejn int,grazzi nafa it-triq ghal barra, Sahha Krispin narak. |
| Nuta t | Sahha Censina nisma min ghandek.(Censina tohrog)Kellha Bzonn tghidli iva jahasra,kollu tort ta'dik ix-xifajk ta'ohti ghax kieku ga qaltli iva...pero din id-darba ohti jkollha tbaxxi rasha (Jinstema ftit ta l-istorbju gej min naha ta barra)x'inhu dan lis-storbju?(jersaq lejn il-bieb ta barra jsejjah lil Connie)Connie.... Connie dan xi storbju hu? |
| Connie | (Jidhlu Connie u Salvu izommu lil Toni li jkun fis-sakra) Skuzani sur-nutar ippruvajna nzommuh imma kien kollu ghal xejn,ried jidhol bilfors biex ikellmek. |
| Nutar | Salv xi gralu Toni? |
| Salvu | Possibli, mintiex tinduna xi gralu Toni, sur-nutar? |
| Toni | (Jixxengel l-hemm u l-hawn fis sakra) Sur-nutar ghandi problema. |
| Nutar | Iva ghandek problema?Allura gejt hawn biex insolvijilek jien? Jien mhux wahda ghandi problemi,tieghek kien jonqos hawn. Salv pogguh bil-qeghda li ma jmurx jaqa xi waqa. |

| | |
|---|---|
| Salvu | Ton x'fettillek mort tixrob min issa? |
| Toni | (Idur lejn in-nutar bis jahseb li qed ikellem lil Salvu)Salv….. grattli wahda tinkiteb….(lin-nutar)Hux inti Salvu? |
| Salvu | Ton dak in-nutar li tkellem,jien hawn qieghed. |
| Toni | Skuzani sur-nutar…..imma ma tantx ghadni nara mil boghod. hsiebtek Salvu. |
| Nutar | Ma jimpurtax Ton issa ghoqod kwiet,ha nghid lil Connie tmur taghmillek kikkra kafe' forsi tistejqer ftit,mur ghamillu ftit kafe Con jekk jogbok. |
| Toni | Kafe'?Le x'kafe hu…. jien ma rietx kafe',jien grokk whiskey ghandi aptit ghamilli wiehed Connie hi. |
| Nutar | Mela x'inhu grokk iehor jonqsok,(lil Connie)mur ghamillu kikkra kafe jekk jogbok.(Connie tohrog) |
| Toni | Grazzi sur-nutar,int ragel sewwa hafna,ghandek qalbek tajba. |
| Nutar | Li kellha tigi ohti bhal ma tantx tibqa tajba qalbi,ghax attakk tal qalb itini. |
| Salvu | Inti attakk tal qalb u jien b'xi vazun miksur fuq rasi,ghax zgur fija twahhal. |
| Nutar | Ton int ghax ma mortx id-dar flok gejt hawn? |
| Ton | Hawn qeda l-problema,jien mort kieku imma Stella tieghi keccitni l-barra,ghalqitli l-bieb min gewwa u ma nistax nidhol. |
| Nutar | Imma jien ma nistax inzommok hawn Ton,taf li jekk tigi ohti bhal issa tinholoq problema ohra. |
| Toni | U….le sur-nutar dik thobbni lili,issa tara kif ma tghid xejn. |
| Nutar | (Tidhol Connie bil-kafe')Hawn ha ixrob din il-kikkra kafe'halli tigi f'siktek(Connie tnewwillu l-kafe') |

Salvu Ixrob Ton (Toni jixrob il-kafe')

Nutar Issa ahjar Ton?Kif qed thossok?Ghar ruh min ghandek mejjet,ahseb halli tingabar id-dar.

Toni (Iqum)ma mmurx ta, ghax jekk immur zgur li ma ddahhalnix, u nerga naqla xi xeba borom u kzazel bhal ma qlajt.

Nutar Salv ara tmurx twasslu naqra int sa d-dar,u kellima int lil-Stella.

Salvu Mela x'naghmel,ma tarax sur-nutar mela tridha tahseb li jien kont qed nixrob mieghu,u naqla xi hasla min ghanda.

Toni U taf x'qaltli wkoll sur-nutar,qaltli li se titlaqni(jikbi)

Salvu Isa....isa toghqodx taghmel hekk,dik qaltlek hekk biex tbezzak xi ftit, issa tara kif tahfirlek x'hin tmur lura d-dar.

Toni Jien inhobbkom ...kollha nhobbkom.....(lil Connie)anke lilek inhobb (jersaq biex jannaqa)

Connie Ersaq l-hemm ja sakkranazz, li ma nghidlekx x'taghmel, Jaqq... x'riha ta xorb ghandek fuqek,sewwa ghamliltlek Stella.

Salvu (Imur izomm lil Toni)Ton ghoqod kwiet,ejja poggi bil-qeghda.(Toni jpoggi fuq is-sufan li jkun hemm fl'ufficju)

Nutar X'bicca gratli u x'bicca gratli, Alla hares kellha tigi ohti bhal issa,ghax mur ara x'taghmel!!

Connie Isktu.....ikolli nghid li smajt l-antiporta tinfetah, halli nittawwal nara min gie.(Connie tohrog)

Salvu Issa jekk giet is-sinjorina ohtok se namlu sur-nutar?(Toni jinxtehet min tulu fuq is-sufan

)
Nutar Ara dan x'ghamel issa,Ton.....Ton qum min hemm.....qum min hemm.

Connie (Tidhol Connie tigri)Sur-nutar….sur-nutar,giet ohtok Matilde. Jien sejra fuq inkompli, jekk ikollok bzonn ta xi haga sejjahli. (Tohrog)

Nutar Connie….Connie mur ipprova zomma ftit bid-diskors lil ohti. Se naghmlu Salv?

Salv Jien naf x' naghmlu ejja quddiem Toni forsi ma tarahx. (jintefaw quddiem is-sufan b'Toni mixhut fuqu)

Matilde (Tihol Matilde mas sur-Spir)Ajma ghal l-erwieh Spiridjone kemm hadt pjacir nimxi,nibdew naghmluha aktar ta'spiss din il-passigata,imma issa ghajjejt ahjar inpoggi ftit bil-qeghda.(tersaq biex tpoggi fuq is-sufan)Ejja Spir halli tpoggi ftit hdejja.(lil Salvu)Zul min nofs int halli npoggi.

Nutar Ghax ma tpoggix fuq il-putruna tieghi Matilde?

Matilde Jien fuq is-sufan irrid inpoggi fuq il-putruna ghoqod int jekk trid.(jippruvaw jaghttu lil Toni kemm jista jkun)

Salvu Sinjorina….nahseb li s-sufan ghandu siequ mkissra,ahjar ma toghqodux fuqu.

Matilde Int baqa tindahal fejn se noghqod,ersaq halli npoggi.(twarrab lil Salvu min nofs,Matilde tinhasad meta tara lil Toni mixhut hemm)Ommi ma x'qata tani dan, x'inhu jaghmel hemm mindud fuq is-sufan tieghi?

Nutar Ghax ha nghidlek Matilde….. Toni

Salvu Ghax miskin,lil Toni tajritu karozza.

Matilde X'inhu,tajritu karozza?Dan kif?Allura kif spicca hawn gew? (Lil Salvu) Ara ma nkunx naf li din xi bicca xoghol min tieghek,ghax b'rasek idur.

Salvu Le sinjorina,miskin mintix tara kemm hu madur Salvu?

Matilde Allura ghax ma cempiltux ghal l-ambulanza.

| | |
|---|---|
| Salvu | (Ihares lejn n-nutar)Da zgur….da zgur li cempilna hux veru sur-nutar? |
| Nutar | Mela….mela cempilna nghid, nahseb li issa appik li tigi. |
| Matilde | Rajtuh jiccaqqlaq ghalmenu? |
| Nutar | Xejn….xejn l-anqas caqqliqa wahda ma ghamel. |
| Salvu | Nahseb l-anqas jekk jipprova jicaqlaq ma jista. |
| Matilde | U dan nghid jien kif jinsab hawn gew?Ghalfejn caqlaqtuh qabel ma giet l-ambulanza?Dak stajtu ghamiltulu aktar hsara. |
| Nutar | Emm ghax….ghax hassejna li mghaniex inhalluh hemm ghal qija ta l-art. |
| Matilde | U dak li tajru x'sar minnu?Fejn hu qieghed? |
| Salvu | Harab…..saq b'kemm kellu sahha, u hallih hemm min tulu fl'art lil toni. |
| Matilde | Ilhaqtu hattulu ghalmenu in-numru tal karozza? |
| Salvu | X'numru hu, ma tafx kemm saq u gera. |
| Nutar | MiskinToni ghadu l-anqas nissel kelma wahda. |
| Matilde | Allura mank ippruvajtu issejhulu, biex taraw jismakomx? |
| Salvu | Uhh…j'alla darba,imma kollu ghal xejn. |
| Spiru | Ikolli nghid,li rajtu jiccaqlaq. |
| Salvu | X'inti tara sur-Spir? Jien l-anqas jitharrek ma rajtu,int rajtu jiccaqlaq sur-nutar? |
| Nutar | Le x'jiccaqlaq hu,miskin x'daqqa qala Toni. |

Matilde Isma, ma naghmlux mod li miet hux?X'wahda din alla hares imutilna hawn gew,ghax tghidx kemm nigu f'inkwiet.

Salvu Le x'miet... miet, hemm ara qed jiehu nifs.

Matilde Mela x'rajt jiccaqlaq int?.....L-ispirtu tieghu jew?Isma toghqodx iddahalli flieles f'mohhi int ta!!

Nutar Jien nahseb li l-ispirtu samru mas sufan,u mhux caqalqu.

Matilde Isma dik l-ambulanza gejja?Ara halli ncempillhom jien halli nara kif ghadom ma baghtuhiex.

Nutar Halli f'idi Matilde ha nahtafom hatfa jien(taparsi jmur icempel)

Matilde (Lil Salvu)X'ghedtli li jismu dan?

Salvu Toni....Toni sinjorina.

Matilde (Tersaq lejn Toni u ssejjahhlu)Toni ....Toni.

Toni (Toni jonhor wahda sewwa)

Salvu Smajtu sinjorina dik il-harrara tal mewt nahseb(Toni jibqa jonhor)isimaw xi jharhar.

Matilde Bizzejjed int, dawn x'affarijiet huma min jisimek,ommi ma, Alla hares,Krispin x'qalulek gejjja dik l-imbierka ambulanza?

Nutar Iva qaluli li batuha,ara halluni helli nsejjahlu jien,Toni....Toni qieghed tismani?

Matilde Ersaq Krispin ersaq, ghax int ma tafx kif ghandhom imorru dawn l-affarijiet,Toni qum min hemm taf min jien?(Toni ma jitharrekx)xejn l-anqas sinjal,kif inhu mitluf min sensih marelli.

Salvu L-aktar jekk ghandu xi zewg fliexken go rasu,kif tridu jisimek.

Matilde Toqodx titkellem min wara dari int,hallik mil hmerijiet bhal issa.

| | |
|---|---|
| Spiru | Matilde ruhi,mhux ahjar li ma tinvolvix ruhek f'din il-bicca?Tridtx nergaw immorru naghmlu passejn? |
| Matilde | Ma tarax Spir,mela jien nista nhalli lil-Krispin wahdu f'din is-sittwazzjoni li ninsabu fiha,ma tarax. |
| Nutar | Ghalija tistaw tmorru,mur…mur Matilde issa niehdu hsiebu jiena u Salvu lil Toni. |
| Matilde | Nahseb li jkun ahjar jekk nibqa hawn jien,ghax jekk x'hin tigi l-ambulanza, isaqsikom xi haga imtom ma tafux twiegbu. |
| Nutar | U inti taf, hux Matilde? |
| Matilde | Da zgur li naf,mela insejt li jien kont infermiera l-isptar,Krispin ruhi? |
| Salvu | Iva sinjorina?Mela ghax ma tippruvax ittih ftit nifs artificcjali lil Toni forsi jigi f'siktu. |
| Matilde | Int hsibt li jien qed nigdeb?Halli nurik kif taghmel meta xi hadd ma jkunx qed jiehu nifs sew.(tersaq fuq Toni biex ittih l-artificial respiration) |
| Toni | (Toni jqum u jibda jsejjah lil mara tieghu Stella) Stella….Stella, ara Stella tieghi,mela gejt Stell?(Toni jibda jannaq lil Matilde) |
| Matilde | Mur l-hemm ja mahmug li int,li ma nghidlekx,(tqum min hdejh u timbuttah)ersaq l-hemm. |
| Toni | Gejt ghalija hux Stell? Jien bsartu li tigi,grazzi talli gejt ghalija,(jersaq lejn Matilde ) Imxi halli mmorru lejn id-dar. |
| Matilde | Kost se nghidlek fejn immorru,dabbar rasek l-hemm,jaqq x''riha ta' mbid ghandek ja sakkranazz li int,fis sakra hux? Krispin….Krispin irrid spjegazzjoni ta'dan kollu ,iwa? Tajritu karozza miskin? |
| Nutar | Matilde issa nispjegalek tibzax,thabbel rasek xejn. |

Matilde Xejn?issa ma trid tghidli xejn?Da zgur int komplici mieghu,ja sakkranaz iehor.

Toni Thabbel, rasek xejn Stella,imxi ha mmorru ghax issa sar hafna hin, inti x'ghalta l-electric blanket hux? halli kif naslu insibuha shuna s-sodda.

Matilde (Tmur ghalih)Issa trid tehodni fis sodda ja hamallu li int,ma jmissekx tisthi tghidli dan id-diskors!!(lil Spiru timbuttah) Int mhu se tghidlu xejn Spir,se thallih jghidli li jrid?

Spiru Ton nahseb li xrobt xi zejjed illum,dik mhux Stella li qeda tkelmek,izda is-sinjorina Matilde.

Toni Matilde? Matilde min hi?Jien Matilde wahda naf.....oht in nutar,imma dik mhix gustuza daqs Stella tieghi,ghax qiesa wicc l-ghatba tal qorti.

Salvu (Imur isiktu) Bizzejjed Ton li ma tisimekx u nkomplu naxquwa.

Matilde (Lil Salvu)X'inti tghidlu int?Jekk inkun naf li din xi bicca xoghol min tieghek,b'rasek idur.

Salvu Le sinjorina nahlifflek li jien m'ghandi x'naqsam xejn,saqsi lin-nutar.(Toni jimted fuq is-sufan)

Matilde Ma nsaqsi xejn,m'ghandix ghalfejn.Imsomma ma jimpurtanix, issa ara kif se twabbu lil dan is-sakkranazz il-barra min hawn.

Nutar Ikkalma ftit matilde halli nfemek x'gara, Toni gie hawn ghax il-mara tieghu sakkrittlu l-bieb u ma setax jidhol,u miskin, ma kellux fejn imur.

Matilde Sewwa ghamlitlu, kieku jien bhala kont naghmel,jekk m'ghandix jigi fis sakra u ndahhlu id-dar.

Nutar Allura thallih jorqod barra, ghas sirda?

Matilde Mela d-dar taghna hsibta xi refugju ghal dawk li jmorru jiskru....ghid?......ejja,..ejja dabbrulhu rasu l-barra.

| | |
|---|---|
| Nutar | Imma Matilde ipprova ifhem ftit. |
| Matilde | (Tizzbroffa)Ma ritdx nifhem,ghax issa x'bajt ohorguli l-barra min hawn.... issa!! |
| Salvu | Bil-mod sinjorina marelli,kif zbruffajt qiesek Vulkan. |
| Matilde | Dundjan? Dunjan zijuk ,baqalek x'tajjarni izjed,(tmur ghalih) |
| Nutar | (Nutar imur izomma)Ikkalma Matilde issa nirrangaw kollox. |
| Salvu | Imma kemm jien zventurat,ghandek tghid kull meta nghidlek xi haga jien, dejjem bil batterija baxxa tkun. |
| Spiru | Sinjuri,ghax ma nccemplux lil mara tieghu u nghidulha li Toni qieghed hawn, forsi taccetta li jerga jmur id-dar maghha. |
| Matilde | Taccetta u ma taccettax,jien lil dan ma rriedux hawn gew izjed! |
| Nutar | Salv,int tafa lil mara ta' Toni hux?Ara ccempillix ftit, forsi nispiccawa b'wicc il-gid din il-bicca. |
| Salvu | Halli f'idi sur-nutar,issa tara kif taccetta la nnkellima jien(icempel it-telefon)Hello.....stella?.....jien Salvu....iva l-habib ta Toni tieghek......hares Toni jinsab hdejna hawn ghand in-nutar, u tghidx kemm iddispjacih talli ghamilek hekk miskin.....(Toni jibda jonhor) veru? Da zgur li veru tghidx kemm beka......ahna ghedna forsi inwassluh lura d-dar......ma tridux?......Allura fejn se jorqod il-lejla?......ma jimpurtakx? Ara din kif taghmel qatet,issa se naghmlu sur-nutar? |
| Nutar | Issa jien naf x'se naghmlu?(Idur fuq ohtu)Matilde..... |
| Matilde | (Tahtfu)Lili tghidli xejn,ara kif se ssolvija int din il-problema, tort tieghek ghax accettajtu hawn. |
| Nutar | Kollox sew,ejja.....ejja Salv halli tghini nohduh ghand Stella,issa nkellima jien u tara kif taccettah. |
| Salvu | Biex se nwassluh sur-nutar? |

Nutar	Mhux bil mixi biex tridna nohduh.

Matilde	(Lin-nutar)Int ghoqod hawn m'ghandekx ghalfejn tmur twasslu Int lil dan issa jiehdu siehbu.

Salvu	Mela dak jiflah jimxi,dak b'xi karozza rridu nohduh,u jien ma nafx insuq.

Spiru	Thabblu raskom xejn ejja halli nwassalkom jien bil karoxxa tieghi.

Nutar	Grazzi sur-Spir ghar ruh il-mejtin tieghek jahassra.

Matilde	Mhux qed niehu pjacir xejn li se tindahal fiha din il-bicca.

Spiru	Nindahal b'daqshekk? Matilde jekk ma niehdux jien, minn tridu jiehdu li Toni?

Matilde	Ghoqod attent li ma tidholx f'xi bicca inkwiet bla bzonn,mur waslu u ibqa gej lura minnufih.

Salv/nutar	(Imorru jqajmu lil Toni)Ejja Ton halli mmorru d-dar issa, isa qum min hemm.

Toni	Halluni.....halluni ha nimxi wahdi,mela hsibtuni fis-sakra jew? Fejn hi Stella tieghi?....(Lil Matilde)Heq ara fejn hi....(imur fuq Matilde biex jannaqa) Ejja halli nbusek wahda qalb ta qalbi.

Matilde	(Tingibed lura minnu)Mur l-hemm ja bicca ta' broxk li int,imissek tisthi,kieku jien fuq l-ghatba ta barra nhallik torqod Il-lejla.ja sakkranazz.

Nutar	Halli mmur maghhom iwasslu lil Toni,halli nkellima jien lil Stella?

Matilde	U lili thallini wahdi?Le int ghoqod hawn mieghi.

Nutar	Mela fittxu morru halli twassluh id-dar b'wicc il-gid.

Salvu	Imxi Ton... imxi.

| | |
|---|---|
| Toni | Caw Stella ta'qalbi,miniex se ddum barra,dalwaqt nerga nkun mieghek.(Salvu,u Spiru johorgu igebdu lil Toni maghhom) |
| Matilde | Qed tara hux ma min qed taghmilha,imissek tisthi tithallat ma dawn it-tip ta nies,gharukaza ghalik Krispin!! |
| Nutar | Matilde, ma nafx kemm il-darba smajta din il-kelma min ghandek,kun af oht li mis-sema l-isfel kullhadd listess,toghqodx terfa rasek izzejjed, ghax fid-dinja ma tistax tghid lil min tigi bzonn!! |
| Matilde | Alla hares,Alla hares nigi bzonnom, ommi ma!! |
| Nutar | Habat tajjeb li ninsabu ftit wehidna ghax ghandi bzonn inkelmek bis-serjeta, u ma nafx kif se naqbad nghidlek. |
| Matilde | Mela x'ha tghidli?Ara jekk min ghalik se tghidli biex ma nizzewwigtx lil Spiridjone sejjer imqarraq, ghax jien ga iddecidejt x'se naghmel. |
| Nutar | Jien ghalija tista taghmel li trid u li jogbok,pero jien ukoll ...... |
| Matilde | Kompli Krispin kompli. |
| Nutar | Ara.... jien tfajt harsti fuq..... |
| Matilde | Xi tfajt? Kompli, ehles fittex ghidli. |
| Nutar | Ghax jien ghandi grazzja ma Censina. |
| Matilde | X'inhu? Mela qed titlef Krispin?Inti taf x'qed tghid?In-nutar jizzewweg lis-serva tieghu,u hallina minnek,le le ma jistax ikun Krispin....Jien hsintu li hemm xi haga bejnitkom,u mnalla keccejta lil Censina. |
| Nutar | Ghalfejn ghamiltli hekk oht,miskina Censina dejjem gabitlek rispett,lilek. |
| Matilde | Fejn taf,....dik mhux lilna gabet rispett imma lil flusna. |

| | |
|---|---|
| Nutar | Ma nahsibx li kif qed tghid int, ghax Censina ghanda flus kemm trid,ghax ghada kemm bieghed dik id-dar lis-sur –Spir. |
| Matilde | Ma stajtx issib lil xi hadd ahjar min Censina?Ara jien mhux bhalek jien ma wiehed min tal klassi taghna se nizzewweg,kull par ghal paru Krispin. |
| Nutar | (Icempel il-bieb ta-barra)Nahseb li waslu lura Salvu u s-sur Spir;tghid zammitu Stella lil Toni? |
| Matilde | Hallik min Toni issa Krispin, ahsiba u erga ahsiba,ara ghal xiex diehel,halli nghidlek jekk taghmel li qed tghid,lili tqisnix aktar hawn gew. |
| Nutar | (Herqan)Veru Matilde? Bis-serjata qed tghid? |
| Matilde | Da zgur li bis serjeta,mela jien irrid nerga nara lil dik hawn gew (Tidhol Connie ma Censina) f'imtni Krispin? |
| Connie | Sur-nutar hawn Censina ghalik.(tohrog) |
| Censina | (Tara lil Matilde)Ahjar nghaddi mument iehor Krspin. |
| Matilde | Krispin!!...Krispin ghidtlu?Ghalik dan is-sur nutar u xejn izjed, din x'kunfidenza hi?Qed tara kif sewwa nghidlek jien,dawn jekk ittihom subajk johdulek idejk. |
| Censina | Sur nutar jien miniex qed inhosni milquha hawn, ahjar nitlaq il-barra min fejn gejt. |
| Matilde | Tkun qed taghmel l-isbah haga li tista taghmel. |
| Nutar | (Iwiddeb lil ohtu)Matilde bizejjed,le Censina ibqa hawn,illum irridu naqtawa din l-affari(Matilde tkun se tohrog)Anke int Matilde ibqa hawn halli tisma.......Censina x'se tghidli? |
| Censina | Sur-nutar...... nahseb li milli ghedna ma hemm xejn.Ahjar hekk ghax ma ridtx li l-affarijiet jidhlu aktar fil fond,u mbaghad jiddispjacini. |

| | |
|---|---|
| Matilde | U mela hekk, sewwa qed tghid Censina,ikun tajjeb ghal kullhadd,hbieb konna u mija nibqaw,issa tista titlaq jekk jogbok ghax in-nutar ghandu hafna x'jaghmel. |
| Nutar | Bizzejjed Matilde dawn x'affarijiet huma?Mela int hekk tkellimhom in-nies?(jinstema storbju gej min naha tal bieb ta barra) |
| Matilde | Dan xi storbju hu Krispin, ma naghmlux mod li rega gie dak is-sakkranazz.(jidhlu Salvu,sur-Spir,Toni u Stella l-mara ta'Toni.) Hawn fejn hsibtu li qedin. |
| Stella | (Stella timbotta lil Toni)Imxi halli nara kif kull darba li tigi ghand in-nutar tispicca dejjem fis-sakra int.(Toni jpoggi bil-qeghda mill l-ewwel) |
| Nutar | Salv mela ergajtu gibtuh hawn lil Toni? |
| Salvu | Ghal l-ewwel kienet accettatu, imma kif konna gejjin lura,giet il-mara tieghu taghjjat ghax riedet tigi maghna biex tkellmek. |
| Matilde | Int min int,kif bqajt diehla hawn gew? |
| Stella | Issa nghidlek min jien tibzax dalwaqt,jiena Stella….l-mara ta dan il-galantom,sur-nutar….dan veru li jigi ghandek ghax int ikollok bzonnu biex joqodlok xhud,ghal xi kuntratt? |
| Nutar | (jithawwad se jaqbad jghid)Jien…..nibat ghalih imma……. |
| Stella | Kulljum? |
| Matilde | Imsomma issa ahna x'ghanna x'naqsmu ma dawn l-affarijiet ta' bejnitkom? Mhux ahjar tmorru u thalluna fil kwiet. |
| Stella | Stenna int….stenna ghax il-kbir ghadu gej……(tieqaf u tifli sewwa lil Censina u lil Matilde)min minkom it-tnejn jismu Matilde? |
| Censina | Mhux jien. |

| | |
|---|---|
| Matilde | U ghal fejn trid tkun taf? |
| Stella | Mela la mhix din, int jismek Matilde....hux hekk? |
| Matilde | La trid tkun taf......iva jien Matilde jisimni, x'ghandek bzonn? |
| Stella | (Iddur lejn Toni) Ma jmissekx tisthi tibdilni ma din,ghanda zmien daqs harruba, u int baqalek zmien tittanta lil l-irgiel? ja bicca ta xiha li int!! |
| Matilde | Le ghal dan ma noghqodx!! Irrid spjegazzjoni ghal din,lili hadd ma jghidli dan id-diskors jien mara ta l-affari tieghi,lili xi hsibtni ghid? |
| Salvu | Nahseb li ghandek zball Stella,s-sinjorina mhix mara ta'dawn l-affarijiet. |
| Stella | U nghidilha jien x'taghmel, da zgur... hasbet li ghax ghanda l-flus se ggennen lir-ragel tieghi waraja ja bicca ta'xkupa li hi, huwa nqeda jien ghax naqbada qabda min xarha u inkaxkara mal kamra kollha. |
| Matilde | (toghli lehena)Mela x'gie jghidlek dan is-sakranazz u giddieb fuqi? |
| Stella | X'qalli? Issa trid kun taf x'qalli,mela ha nghidlek,x'hin wassluh id-dar lil dan il galantom taf x'beda jghidli? Qalli imxi Matilde, imxi qalb ta qalbi, halli mmorru norqdu,ghax sar hafna hin.Dan taf xi jfisser?...... Ii int tajtu l-kunfidenza....Ja mara hazina. |
| Matilde | Krispin!!int mhux se titkellem xejn?Se thallija tajjarni f'dari? Irriedek issibli avukat ghax irrid niehu passi ghal dawn l-alegazjonijiet serji, li qed taghmel din kontra tieghi, imissek tisthi tkellimni hekk. |
| Nutar | Jien xi tridni nghid jahasra,l-anqas irrid nemmen x'jien nisma. |
| Matilde | X'igifieri Krispin?Ma tridx tghid li qed temmina hux? |
| Toni | Matilde imxi halli mmorru d-dar. |

| | |
|---|---|
| Stella | Smajtu.....smajtu issa ma tistax tghid li mhux veru,issa qudiemek qed jghid hekk,smajtu sur-nutar?Issa hawn int xhud. |
| Matilde | Spiridjone... inti qieghed temmina lil din? |
| Spiru | Ghax halli nghidlek Matilde.....jiena gejt bejn haltejn.... |
| Matilde | X'inhu,anke int se zzomm maghha, le issa daqshekk,jien mhux se noghqod aktar f'din id-dar,u int(lil Stella)ara tahseb li din se tieqaf hawn,Krispin jien sejra nigbor hwejgi u sejra l-barra min hawn.(tohrog) |
| Nutar | Matilde....Matilde isa int bhalek fejn sejra? |
| Spiru | Matilde stennini halli nigi mieghek, fejn sejra wahdek bhal issa?(johrog warajha) |
| Salvu | (In-nutar jpoggi bil-qeghda bhas hazin fuqu)Sur-nutar issa tista sserrah rasek, is-sinjorina ohtok mhux se tigi l-hawn izjed. |
| Nutar | X'jigifieri Salv?....Salv tghidlix li din xi bicca xoghol ohra min tieghek!! |
| Salvu | Ma tafx ma min kienet qeda thabata s-sinjorina Matilde sur-manifk,jien meta nghid kelma nnzomma,ma ridtiex ittelflek l-okkazjoni li tizzewweg lil Censina. |
| Nutar | Jigifieri din il-balbuljata kollha kienet miftema bejnitkom. |
| Salvu | Hekk hu sur-nutar,kullhadd kien involut fiha, anke Stella kienet komplici.Censina serrahhlu mohhu lin-nutar. |
| Nutar | X'se tghidli Censina? |
| Censina | Jien marietx li jinqala l-inkwiet bejnek u bejn is-sinjorina ohtok,imhabba fija. |
| Salvu | U le fejn sejra b'rasek Censina,dik issa l-aqwa li ghanda lis-sur Spir,mhux hekk sur nutar? |

| | |
|---|---|
| Nutar | Hekk hu issa jien se nigi wahdi jekk tghidli le, Censinaghidli. |
| Censina | Kollox sew naccetta. |
| Kullhadd | Viva Censina u nutar. |
| Toni | Allura,x'tahseb sur nutar ninqala biex nirrecta ta' wiehed fis-sakra. |
| Nutar | Jien veru bellajtuli sa grizmejja,specjalment int Ton,peress li dejjem hekk nafek….fis-sakra!! |
| Stella | Iwa sur galantom issa nghidlek la naslu d-dar,imxi ha mmorru, mela mhux ghand in-nutar tmur fl'ghaxija izda f'xi hanut tixrob,imxi ….imxi issa nkelmek.(Toni johrog u warajh Stella timbottah) |
| Salvu | Irrangajtu ghal festi kmandati lil Toni sur-nutar. (Kullhadd jidhaq u jinalaq is-separju) |

# Tmiem.